**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 15 ta' Diċembru 2021**

**Cit. Nru: 160/2015 JPG**

**Kawza Nru.: 28**

**GZ**

**Vs**

**AZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' GZ datat 13 ta' Lulju 2015, *a fol 1 et seqq.*, li jaqra hekk

*1. Illi l-kontendenti Z żżewġu nhar is-16 t'April 2000 (Dok A) u minn dan iz-zwieġ twieldet il-minuri KZ li twieldet nhar it-3 ta' Jannar 2002;*

*2. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx iktar possibbli minħabba adulterju, eċċessi, minaċċji, theddid u offizi gravi, fost affarijiet, validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;*

*3. Illi għalhekk il-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli u dan minħabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;*

*4. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' Ġunju tas-sena 2015 (Dok B);*

*5. Il-fatti dikjarati tafhom hi personalment; Għaldaqstant l-istess attriċi għaddiet sabiex tressaq is-segwenti talbiet u cioe' sabiex:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat fosthom adulterju, vjolenza psikoloġika u swat, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċi li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;*

*2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri KZ f'idejn l-esponenti u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-attriċi u għat-tifla minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri tagħlaq l-eta' ta' tmintax(18)-il sena jekk tieqaf mill-iskola u tibda taħdem bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeċiedi li tibqa' tistudja fuq bazi full-time, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi u jiġu depositati f'kont bankarju indikat mill-esponenti u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-għoli tal-ħajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*

*4. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjez kollha relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-istess minuri;*

*5. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'zewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

*6. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif maħsubha fl-Artikoli 48 et seq. tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u tapplika kontrieh interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 55 sa 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*7. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u mmobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza fil-waqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha u dana fi zmien qasir u perentorju li għandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

*8. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*9. Tawtorizza lill-attriċi tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut u cioe' fil-fond bin-numru 10/3, Gondola Court, Triq is-Simblija, Naxxar, NXR2671;*

*10.Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubita B;*

*11.Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti; Bl-ispejjez u imgħaxxijiet kollha kontra l-konvenut, nġunt għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors, d-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat AZ datata 12 ta' Awwissu 2015 *a fol 15 et seq:*

*1. Illi l-esponenti jaqbel li l-kontendenti żżewġu fis-sittax ta' April tassena elfejn (16.4.2000) u li miż-żwieġ tagħhom huma kellhom tifla, KZ, li twieldet fit-tlieta ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (03.01.2000) u percio' għadha minorenni;*

*2. Illi filwaqt li l-esponenti jaqbel li l-ħajja matrimonjali tal-partijiet m'għadhiex aktar possibbli, dan bl-ebda mod ma huma mputabbli lilu, iżda r-relazzjoni tagħhom spiċċat propju għar-raġunijiet esklussivament imputabbli lill-attriċi u*

*rikonoxxuti mil-Liġi fosthom vjolenza psikoloġika, eċċessi, sevizzi u offiċi gravi da parti tal-attriċi fil-konfront tal-esponenti li naqset mill-obbligi matrimonjali tagħha versu l-esponenti, kif ser jiġi ppurvat fil-mori tal-kawża;*

*Biex imbaghad l-esponent ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet fil-mertu:*

*1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti jaqbel li għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero' mhux għar-raġunijiet imputabbli lill-esponenti kif indikati mill-attriċi izda prinċipalment għaz-zwieġ li tkisser irrimedjabilment għar-raġunijiet esklussivament imputabbli lill-attriċi u rikonoxxuti mil-Liġi fosthom vjolenza psikoloġika, eċċessi, sevizzi, u offiżi gravi da parti tal-attriċi fil-konfront tal-esponenti kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;*

*2. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-tieni talba tal-attriċi sabiex hija tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-wild minuri stante li huwa fl-aħjar interessi tal-istess minuri illi l-kura u kustodja tiegħu tiġi fdata f'idejn l-konvenut Missier, kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawza, b'dana illi l-attriċi tiġi mogħtija aċċess għal bintha f'dawk il-ġranet u ħinijiet li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-tielet talba in kwantu tirrigwardja l-manteniment pagabbli mill-esponenti konvenut versu l-attriċi u għandha wkoll tiċħad it-talba tal-attriċi li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti (l-attriċi) u dan ukoll in vista tal-fatt li l-attriċi hija unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u b'hekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara li l-attriċi ddekadiet minn tali dritt u dan apparti mill-fatt li hija finanzjarjament indipendenti;*

*4. Illi wkoll fir-rigward tat-tielet talba din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-istess talba u ċioe' dik rigwardanti manteniment li għandu jitħallas mill-esponenti versu l-minuri, izda din l-Onorabbli Qorti għandha tistabilixxi u tiffissa dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, li l-attriċi għandha tħallas lill-esponenti għall-istess minuri b'dawk il-modalitajiet kollha inkluzi provvediment għaz-zieda*

*perjodika biex l-attriċi tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja u ssir ordni għall-ħlas tal-istess retta alimentarja;*

*5. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ir-raba' talba u għall-*kuntrarju *tordna lill-attriċi sabiex tħallas lill-*esponenti *nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri;*

*6. Illi fir-rigward tal-ħames talba, l-esponenti ma jopponiex għal din it-talba u ċioe' li tiġi xolta u terminata l-*komunjoni *tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiġi likwidata b'mod li jiġu stabbiliti zewġ porzjonijiet li jiġu* assenjati *lill-partijiet, b'dana pero' mhux bilfors fi kwoti ndaqs stante tortijiet imputabbli lill-attriċi u fl-istess waqt tiġi stabbilita' data* minn *meta din l-Onorabbli Qorti bħala d-data meta l-istess attriċi għandha tkun ikkunsidrata ħatja tal-*firda, u dana *okkorrendo għall-finijiet ta' din it-talba, jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni u tinnomina* Nutar Pubbliku *sabiex jippubblika l-Att* relattiv *u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaċji;*

*7. Illi din l-Onorabbi Qorti għandha tiċħad is-sitt talba u dan għall-*fatt *li ma jezistux iċ-ċirkostanzi li minħabba fihom għandhom jiġu applikati l-*effetti tad-disposizzjonijiet kontemplati *fl-artikoli tal-liġi ċitati mill-attriċi fil-*konfront tal-konvenuta, liema effetti tad-*disposizzjonijiet u sanzjonijiet, pero' stante li l-attriċi hija unikament ħatja għat-*tifrik *taz-zwieġ, din l-*Onorabbli Qorti *għandha* tiddikjara *li l-attriċi* ddekadiet *mill-jeddijiet konjugali tagħha u* tapplika kontriha *in toto jew in parte-*disposizzjonijiet *tal-*Artikolu *48 et sequitur tal-*Kapitolu *16 tal-*Liġijiet *ta' Malta;*

*8. Illi dwar is-seba' talba l-*esponenti *ma jsibx oġġezzjoni illi l-*assi parafernali *u dawk dotali jiġu restitwiti, b'dana illi kull parti tiegħu l-ġid parafernali u/jew dotali tagħha u percio' din l-Onorabbli Qorti għandha tordna lill-attriċi sabiex* tikkonsenja lill-esponenti *l-oġġetti mobbli jew* immobbli parafernali u/jew dotali *tiegħu, inkluz dawk li jinsabu fil-*pussess tal-*attriċi;*

*9. Illi dwar it-tmien talba l-esponenti jirrileva li din l-Onorabbli Qorti għandha tappunta kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaċja fuq l-att ta' divizjoni relattiva;*

*10.Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad id-disa' talba, stante li ma jezistux ċirkostanzi li minħabba fihom l-esponenti għandu jiġi eskluz milli jabita fid-dar matrimonjali;*

*11.Illi dwar l-għaxar talba, l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni;*

*12.Illi dwar il-ħdax il-talba, l-esponenti wkoll ma jsibx oġġezzjoni;*

*13.Illi fl-aħħar lok, f'dak illi jirrigwarda l-ispejjez, ġialadarba l-konvenut ma jaħtix għat-tifrik taz-zwieġ, liema tifrik ġie kaġunat unikament bi ħtijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-attriċi kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, l-ispejjez ta' din l-istanza għandhom jiġu sopportati interament mill-istess attriċi. Bl-ispejjez kontra l-attriċi nġunta għas-subizzjoni.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il verbal tas seduta tal- 27 ta' Mejju 2021 fejn il-partijiet iddikjaraw illi m'ghandhomx provi jew trattazzoni ulterjuri x jaghmlu u jistriehu fuq il-provi prodotti fil-kawza u fuq in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, il-petizzjoni u r-risposta tal-Appell u d-decisjoni tal-Qorti tal-Appell.

Rat in-noti ta'sottomissjonijiet tal-attrici *a fol 371 et seq* u dik tal-intimat tal-atti;

Rat l-inkartament kollu tal-Qorti tal-Appell;

**Ikkonsidrat:**

***Il-konvenut xehed nhar it 3 ta'Dicembru 2015 (vide fol 51 et seq)*** fejn huwa ikkonferma illi jahdem bhala LSA u li gie sospiz minhabba proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu u

li ilhu sospiz mit-18 ta' Mejju 2010. Jikkonferma illi matul dawn il-hames (5) snin hadem diversi xoghlijiet fuq bazi part-time, minn *bar tender* sa *driver*. Illi pero' darba minnhom temmewlu l-impieg. Jiddikjara illi bhalissa qieghed jippercepixxi nofs il-paga ta' LSA u cioe EUR 426 kull erba' (4) gimghat. Fir-rigward tal-mantenimenmt, jishaq illi qieghdin jghinuh il-genituri tieghu li huma it-tnejn pensjonanti. Jiddikjara illi ghadu qatt ma hallas manteniment, illi madanakollu lit-tifla ma jhalliha nieqsa minn xejn, u johrogha tiekol, jixtrilha l-hwejjeg, u jaghtiha l-flus biex tohrog ma' shabha bhala *pocket money*. Il-konvenut jixhed illi hu u martu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf.

Mistoqsi fuq il-*loans* u arretrati ta' kontijiet, jispjega illi ghandhom l*oan* wiehed u kontijiet tad-dawl u ilma. Mistoqsi ukoll jekk qattx ghamel pagamenti versu dawn il-lo*ans*, il-konvenut jikkonferma illi gieli ghamel u li tul dawn l-ahhar hames (5) snin il-genituri tieghu tawh il-flus biex ihallas kont tad-dawl. Konfrontat bil-fatt li hija l-attrici li qieghda thallas il-maggior parti tal-*loans* u d-dawl u l-ilma, jixhed illi hu qieghed jahseb li l-imsemmija pagamenti mhumiex isiru ghaliex cemplulu mill-bank biex jinfurmawh li qieghdin EUR 800 b'lura. Konfrontat ghal darba ohra bl-istess domanda, il-konvenut iwiegeb illi hija l-attrici li qieghda tivversa dawn il-pagamenti. Jikkonferma ukoll illi fil-maggiorparti tal-hajja il-pagamenti li kien hemm bzonn saru mill-attrici u dana peress li l-attrici ghandha paga hafna ahjar minn tieghu.

***L-attrici permezz tal-affidavit taghha a fol 41 et seq*** spjegat illi hi u l-intimat ilhom mizzewgin mis-16 t'April 2000 u kienu iltaqghu is-Sixth Form u bdew johorgu flimkien f'Gunju tas-sena 1990. Izzid illi l-konvenut kien telaq mis-Sixth Form ftit qabel ma spiccaw it-tieni sena peress li kien sab xoghol full-time, illi pero ma tantx kien dam jahdem hemm. Tispjega illi kien hemm perjodi fejn l-intimat kien minghajr impjieg ghal numru ta' gimghat jew xhur. Minn naha l-ohra l-attrici wara li spiccat is-sixth form kienet qabdet tahdem ma' kumpanija izda wara ftit irceviet proposta ghal xoghol ahjar u kienet marret tahdem hemm. Illi llum ilha erbgha u ghoxrin (24) sena tahdem mal-Atlas Insurance.

Tispjega illi wara ghaxar (10) snin gherusija, il-partijiet kienu zzewgu u li hi dejjem tiftakar lill-intimat ibiddel ix-xoghol u dana peress li hu qatt ma ried xoghol f'ufficju, illi pero' kien isib skuza ghal kull xoghol. Tixhed illi minkejja dan, hija dejjem kienet ta' sapport ghalih u permess tal-impjieg full-time taghha u anke gieli kienet taghmel part-time, zammet lill-familja ghaddejja. Izzid illi missierha kien baqa' jaghtiha xi flus sakemm miet, filwaqt li l-genituri tal-intimat, kienu wkoll jghaddulhom xi flus fil-bidu.

Fis-sena 2002 tispjega li twieldet binthom, K. Meta saret taf li kienet tqila, tirrileva illi l-intimat kien tilef l-impjieg tieghu ghal darb ohra. Meta kienet waslet lejn l-ahhar, l-intimat kien sab xoghol ma' Sales Company. Izzid illi hutha ukoll kellhom tfal vicin l-eta' ta' K u ghalhekk kienu jghinuha bit-tarbija. Illi dak iz-zmien kellha taqleb tahdem ghal *reduced hours.* Tishaq illi omm l-intimat kienet tiehu hsieb lill-minuri waqt il-vaganzi tal-iskola, peress li hija kienet tahem fi skola u ghalhekk ma kienitx tkun xoghol waqt il-vaganzi. Tixhed illi tul l-ewwel snin bhala genituri, kienet hi, (l-attrici) li kienet taghmel tajjeb ghall-ispejjes, b'dana illi kien hemm okkazjonijiet fejn l-intimat kien johrog xi haga ghal certu spejjes.

Fl-2005, kienu telqu mill-flat taghhom f'San Pawl u marru jghixu fil-post taghhom in-Naxxar. Tispjega illi meta kienu jghixu San Pawl il-Bahar, dan kien perjodu stressanti peress li kienu jirrisjedu fi flat fit-tielet sular u ma kienx hemm *lift*. Tispjega illi meta kienu waslu biex jiffirmaw il-konvenju tal-post l-iehor, l-intimat kien rega' tilef l-impjieg tieghu, izda kien qalilha biex jibqghu ghaddejjin halli ma jitilfux id-*deposits* li kienu diga halsu. Tikkontendi illi tul iz-zwieg, l-intimat kien ibiddel il-karozza ta' spiss, u li filfatt sa ftit ilu kienet tkun hi li kienet thallas l-*insurance* tal-vetturi tal-intimat u dana peress li mix-xoghol taghha kienu jhalluha thallas permezz ta' *monthly installments*.

Tispjega illi f'April 2007, kellha l-ewwel suspett li l-intimat kien involut f'relazzjoni extra matritali, u kienet ikkonfrontatu immedjatament. Hu kien cahad u kien weghda li kien ser ikellem lil din certu Cynthia Grech biex thallih bi kwietu. Illi din il-mara kienet tahdem bhala *clerk* l-iskola fejn l-intimat kien qieghed jahdem bhala LSA. F'Ottubru, 2009 ikkonfermat li kien ghadu jiltaqa' ma' din Cynthia Grech. Illi dak iz-zmien kienet fethet qalbha ma' missier l-intimat u kienet anke marret tkellem lil xi hadd mill-moviment ta' Kana flimkien ma' omm l-intimat u filfatt ma kienet qalet xejn lil hutha b'dan. Illi din id-darba kienet ghaddiet gimgha, qabel ma gharfet lill-intimat b'dak li kienet taf. Kien f'dan l-istadju li l-intimat ammetta li kien ilu f'relazzjoni maghha ghal tlett (3) snin u li kien ihobbha. Ftit wara l-intimat qalilha li kien telaqha u l-attrici ssuggeriet li jmorru counselling.

L-attrici tispjega li l-intimat kien gideb dwar l-ksur tar-relazzjoni ma' Cynthia il-ghaliex fi Frar tas-sena 2010, l-intimat kien mar Sqallija maghha u ma' grupp studenti u filfatt lanqas ried lill-attrici tmur twaslu sal-ajruport. F'Marzu, 2010 kienet sabet diversi dikjarazzjonijiet fuq il-

kompjuter li kienu jikkonfermaw li kellhom relazzjoni. Meta rat li sitwazzjoni ma kienitx ser tinbidel, f'April, 2010 kienet baghtet ittra lill-intimat tindika li riedet tibda proceduri ta' separazzjoni. Dakinhar li rcieva l-ittra, l-intimat kien vjolenti u kien beda jheddidha u l-ghada kienet ghamlet rapport mal-Pulizija, meta kienet indunat li l-intimat kien qieghed isegwiha. Tispjega illi l-intimat kien informa lill-familjari taghha li kienet hi li riedet tissepara u kien anke informa lill-missierha u lil zijuha anzjan b'dan kollu. Sussegwentement, wara li nduna bir-rapport mal-Pulizija, kien talabha biex tahfirlu u kien ikkonvinciha taghmel hekk peress li kien weghdha li jmorru ghal *counselling*.

L-attrici tispjega li fid-19 ta' Mejju, il-konvenut kien tkecca mill-iskola minhabba kwistjonjiet ta' frodi li kien involut fihom meta kien jaghmel part-time mal-Consumer Affairs Department u ghalhekk beda jircievi nofs l-ammont tal-paga tieghu. Tirrileva illi hi kienet tkun trid li tmur mieghu ghas-seduta illi pero' hu qatt ma riedha tmur u li filfatt hi kienet attendiet ghal seduta wahda, fejn sahansitra l-intimat kien haseb li hi kienet xhud kontrih. Illi f'Awwissu tas-sena 2010, wahda mill-hbieb taghha kienet qaltilha li qabel ma kienu zzewwgu, u cioe sakemm kienu gharajjes, l-intimat kellu relazzjoni ma' din habibitha, liema relazzjoni kienet damet ghaddejja ghal xi snin. Tixhed illi l-intimat kien ammetta kollox u kien qalilha li kienet din il-habiba li kienet ipprovokatu. Illi tirrakonta ukoll illi dak iz-zmien shabha l-ohra kienu wkoll qalulha li l-intimat kien qieghed jibghatilhom messaggi kontra l-attrici.

F'Awwissu tas-sena 2010 marret gurnata P*aradise Bay* ma' xi hbieb taghha u ma' bintha, fejn l-intimat ghamel gurnata jibghatilha messaggi u sahanistra mar hemmhekk biex ikompli jargumenta maghha. Illi f'hin minnhom, l-intimat imbuttaha ma' bar u hi bdiet tghajjat biex xi hadd icempel ghall-Pulizija. Wara li hallilha, cempel lill-Pulizija hu stess u qalilhom biex ma jigux. Mal-lejl baqa' jibghatilha l-messaggi fejn beda jghidilha li kien ser jaghmel suwicidju u anke kien hallilha nota f'dan is-sens. L-ghada filghodu, hija marret taghmel rapport l-ghassa tan-Naxxar fejn irrappurtat li l-intimat kien "missing". Illi pero' iktar tard dakinhar stess, l-intimat kien gie lura d-dar u kien jidher normali. Illi fix-xhur ta' wara l-attrici tixhed illi kienet sabet aktar messaggi minghand l-istess mara. F'Ottubru tas-sena 2010, l-attrici giet offruta *counseling* minghand id-Diretturi tal-kumpanija fejn tahdem u kienet marret ghand Dr Charles Azzopardi. Tispjega illi hi kienet marret wahida ghall-ewwel appuntament, illi pero' kif l-intimat sar jaf b'dan, rega' beda jdejjaqha, tant li f'Novembru 2010 regghu marru ghal *counselling* flimkien imma l-intimat kien rega ghamilha cara ma' Dr Azzopardi li ma hu ma jemminix fil-*counselling.*

F'Dicembru, 2010, l-affarijiet ta' bejniethom kienu tjiebu kemmxejn, illi pero' f'Jannar tas-sena 2011 kienet sabet *mobile phone* iehor b'sensiela ta' messaggi. Fi Frar tas-sena 2011, tixhed illi l-intimat kien ghamilha rapport mas-Sedqa, illi pero' meta kienu cemplet is-Sedqa huma kienu cahdu li kien hemm xi rapport u kienu qalulha illi *se mai* r-rapport ghandu jsir mal-Appogg u mhux maghhom. Illi kien f'dan l-istadju, li l-attrici ghamlet kuntatt mal-Appogg u kienet tkelmet ghall-ewwel darba ma' certu Sarah, haddiema socjali. Tispjega illi biex tkellimha, jew biex titkellem mal-avukat taghha, kienet tkun esperjenza mimlija biza' stante li kienet dejjem bezghana li l-intimat ha jsir jaf u ha jkompli jikkawzalha iktar problemi, specjalment peress li kienet qed tigi konstantement segwita mill-intimat. Illi f'Marzu tas-sena 2011 l-intimat kien sakkarha barra u kien biss wara li marret oht l-attrici tkelmu li fethilha. Darba minnhom kien anke mar fuq il-post tax-xoghol sabiex ikellem lid-diretturi tal-attrici bl-ghan li jfarrak ir-reputazzjoni taghha.

Fix-xhur ta' wara, l-attrici tispjega illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-intimat, kien jippersegwitha, ma jhallihiex torqod bil-lejl u jghajjarha in kontinwazzjoni. Kien jaghmel dan quddiem binthom biex idawwarha kontriha u kien jipprova jghammiha bir-rigali.

Meta ma felhitx izjed l-attrici kienet iddecidiet li tiftah proceduri ta' medjazzjoni biex tasal ghall-separazzjoni. Ghal darb'ohra l-konvenut kien beda jinsisti maghha biex terga' taghtih cans u kienet cediet peress li bezghet li kienet ser titlef lil bintha. Minkejja dan, il-hajja mizzewwga ma nbiddlitx, il-konvenut kien jixrob id-dar, jidhol u johrog mid-dar x'hin irid u lanqas kien jiekol maghhom anke meta kienu joqoghdu jistennewh. F'dan l-istadju, it-tifla ma felhitx izjed u kienet talbitha biex jitilqu u sahanistra bdiet tfittex appartamenti li setghu jikru. Tirreferi ghal episodju meta f'Ottubru tas-sena 2014 wara li hi u bintha kienu marru n-Notta Bianca, kienet irceviet telefonata d-dar fejn xi hadd cempel biex jistaqsi ghall-intimat. Meta l-attrici qaltlu li mhux qieghed id-dar din il-persuna wiegbet: *"eh mela ghadu ma' l-ohra."* Illi minn wara dan l-espisodju, l-attrici iddecidiet li ma ssajjarlux iktar. Illi f'dan il-perjodu it-tifla kellha l-grizma u ghall-ewwel darba, l-intimat hallas ikla ghall-familja.

Fit-23 ta' Jannar, 2015 kienet talbet lil partner t'ohtha, Felix Mifsud, sabiex jakkumpanjaha taghmel l-ghassa fuq il-konvenut u dan peress li l-attrici kellha indikazzjoni li l-intimat kien qed jerga' johrog ma' Cynthia u filfatt kien halla lill-minuri wahidha d-dar biex hareg. Kienu segwewhom fejn marru jieklu go *restaurant* iz-Zurrieq. Stennew ftit u mbaghad dahlu fir-

restaurant u l-attrici ppruvat tiehu r-ritratti. Fi triqtha lura d-dar, waqfu l-ghassa taz-Zurrieq u kienet spjegat dak li gara lill-Pulizija. Kienet cemplet ukoll lir-ragel ta' Cynthia, Robert Grech biex tghidlu b'dak li kien gara u filfatt kien qalilha li anke hu kellu xi suspetti f'dan ir-rigward.

Fl-14 ta' Frar, 2015 kienet irceviet telefonata minghand l-istess ragel li kien cempel ftit tax-xhur qabel, u ta informazzjoni li l-konvenut kien ma' mara ohra. Flimkien mal-partner t'ohtha kienu marru jsegwuh l-Mosta, u din id-darba kienet gharrfet lil mara bhala wahda mill-hbieb tieghu fuq Facebook.

Fil-25 ta' Mejju, 2015 kienet irceviet telefonata minghand certu Joseph Micallef ix-xoghol taghha. Illi dan infurmaha li l-konvenut kellu relazzjoni ma'certu Mary Sammut li kienet tiggestixxi *Mild to Wild Nails*. Spjegalha li din Sammut kienet l-ex-partner tieghu u li hu ressaq xi proceduri fil-konfront tal-istess peress li kellha taghtih xi flus. Kienu iltaqghu u kienet rat id-dokumenti li huwa kellu fir-rigward ta' dan kollu.

L-attrici mbaghad kienet regghet fethet proceduri tas-separazzjoni u sakemm kien hemm l-ewwel sessjoni l-Qorti, il-konvenut kien rega' tilef l-impjieg tieghu u sa fejn kienet taf ma kienx sab impjieg iehor, izda xorta wahda baqa' johrog lejl u nhar. Generalment, l-iktar li kien jidhol tard kien fil-*weekend* meta jidhol fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Il-hbieb tat-tifla ukoll bdew icemplulha sabiex jghidulha li kienu raw lill-konvenut jiekol ma' mara ohra, izda meta gibditlu l-attenzjoni, irrispondiha li ma kienx interessat x'kienu jahsbu l-hbieb u kien irrabja mat-tifla tant li kien hadilha l-mobile u l-ipad ghal xi granet.

***In kontro-ezami nhar it-30 ta' Mejju 2018*** l-attrici kkonfermat illi l-intimat wara li kien tressaq b'akkuzi kriminali, kien qieghed jippercepixxi nofs il-paga ta' LSA u cioe circa EUR 500 fix-xahar, filwaqt li l-introjtu taghha kien circa EUR 900 fix-xahar. Tikkonferma li hi qatt ma ghaddietlu flus f'idejh imma kien isib l-ikel lest, ix-xiri kollu lest, u l-loan u l-kontijiet imhallsin. Mistoqsija jekk qattx ghaddietlu flus biex ihallas il-Qorti, tikkonferma li qatt ma ghaddietlu flus biex ihallas il-Qorti. Tikkonferma illi fiz-zmien li kien sospiz minn LSA ma kellhomx loan tal-karozza u dan kien wara s-sena 2011. Izzid illi kienet thallas il-loan intier tad-dar fl-ammont ta' EUR 430 fix-xahar. Dan il-pagament wahdu kien biss biss johdilha nofs il-paga taghha, flimkien mal-*life insurance* li tammonta ghal EUR 430 ohra fis-sena li kienet thallsu hi ukoll oltre l-kontijiet tal-iskola ta' binthom u l-ispejjes l-ohra.

Mistosija rigward l-ezitu tal-proceduri kriminali, l-attrici tikkonferma illi hi saret taf bl-ezitu wara ghaliex l-intimat kien iwaqqafha milli ssir taf dwar l-andament tal-proceduri u kien biss fil-bidu nett tal-proceduri li kienet telghet mieghu. Izzid illi anke kienet marret mieghu ikellmu xi nies li setghu jghinuh minhabba s-sitwazzjoni li kien qieghed fih. Illi pero' l-intimat kien beda jakkuza lill-attrici li kellha x'taqsam mas-sitwazzjoni kollha u li kienet hi li kienet irrapurtatu u li kienet hi li cemplet lill-Pulizija. L-attrici tichad dan kollu. Terga' tikkonferma illi anke meta beda jahdem man-Nature Trust, qatt ma kkontribwixxa xejn. Biss, fis-sajf, meta gieli kienu jmorru l-bahar, kien ihallas ghas-sun beds, u kien anke xtara BBQ tal-gas wara li dak li kienet xtrat l-attrici qabel kien telaq minhabba *wear and tear*. Mistoqsija tikkonferma jekk l-intimat kienx xtara geezer, tispjega illi hi ma tiftakarx meta nxtara l-geezer biss pero, il-BBQ u jekk xtara l-geezer, kienu ftit jekk mhux l-unici affarijiet li xtara.

Rigward il-party tal-grizma tat-tifla, tikkonferma illi dakinhar kien hallas hu, meta kien ghadu b'nofs il-paga mill-Education u kien qieghed ukoll jaghmel part-time ma' Nature Trust dak iz-zmien, illi pero' ma tafx kemm kien jithallas mill-part-time. Tirrakkonta li din l-ikla kienet saret gewwa pizzeria u jekk forsi kienu ghoxrin (20) ruh. Tispjega illi hi kienet halset il-libsa tat-tifla, u l-ispejjes l-ohra kollha relatati mat-tifla.

Konfrontata fuq Joseph Micallef, tikkonferma illi hi kienet rat ir-rapporti li huwa kien ghamel mal-Pulizija u taf li kien hemm xi argument li kien involut fih l-intimat, u izzid illi meta kien cempilha, hi ma kienitx tafu. Jidhrilha illi l-incident kien sehh ir-Rabat. Mistoqsija dwar Raymond Abela, l-attrici tirrileva illi din il-persuna huwa habib antik tal-partijiet u taf li kellu *club* ir-Rabat. Dan ma kienx jigi minnhom, imma peress li kienu hbieb kbar man-neputijiet tieghu, hi u l-intimat kienu jghidulu ziju ukoll. Tikkonferma ukoll illi hi ma kienitx taf bl-ittri mibghuta mill-APS.

Rigward l-impjieg taghha, l-attrici ssostni illi hi ilha tahdem mal-kumpanija assiguratrici mis-sena 1991 u zzid illi gieli kellha part-time apparti l-full-time job taghha. Tispjega illi gieli hadmet il-Mcdonalds, l-Eden Cinemas u dana kien qabel iz-zwieg.

***Riprodotta in kontro-ezami a fol 278 et seq*** tikkonferma illi l-intimat ilhu mill-2005 jahdem bhala LSA u dan huwa l-iktar xoghol li ilu fih. L-attrici isostni illi iktar milli l-introjtu, fix-xogholijiet precedenti tieghu kienu jdejquh il-hinijiet. Filfatt tghid illi meta kellu xoghol b'hinijiet twal, mar sab xoghol iehor b'hinijiet iqsar jew hinijiet li jkun jista' jikkontrollha hu,

bhal fis-settur tas-sales. Izzid illi meta kienu ghadhom qed jaghmlu l-ewwel dar, il-familja tal-intimat ghenuhom finanzjarjament u meta kienu ghamlu l-konvenju kienu tawh parti mid-depozitu u l-parti l-ohra halsitha hi. Ticcara illi dan kien qabel ma zzewgu. Tikkonferma li kienu ghenuhom fil-kcina, li kienet ir-rigal tat-tieg da parti tal-genituri tal-intimat u inkluz l-*appliances*. Meta biddlu d-dar kienu tawhom somma ohra biex ghenuhom jixtru *dishwasher*.

Fir-rigward tat-tifla, tikkonferma illi l-genituri tal-intimat kienu jzommu lit-tifla u kienu jzommuha fil-vaganzi tal-iskola peress li omm l-intimat kienet tahdem fi skola. Izzid illi qatt ma talbuhom flus meta kienu jiehdu hsieb lit-tifla, filwaqt li lil hutha kienet tghaddilhom xi haga tal-flus peress li kienu jzommuha kuljum. Illi ta' sena u disa' xhur it-tifla bdiet tmur il-playschool. Izzid illi hi kienet thoss illi la hi kienet qieghda tmur ix-xoghol u taqla l-flus bis-sahha ta' hutha li kienu jiehdu hsieb lit-tifla, ghandha taghtiha xi haga bhala *allowance*, bhala kumpliment.

Meta bdiet il-*kindergarten*, il-minuri kienet tingabar minn oht l-attrici ukoll u baqghu jghinuha bit-tifla anke meta bdiet l-iskola. Illi imbaghad kienet waqfet taghtihom din il-kontribuzzjoni peress li ma kienitx xi haga regolari peress li kienu jzommu t-tifla biss f'xi vaganzi. Isostni illi meta hi kienet tqila u l-intimat kien tilef il-job, kien jaghmel xi bicciet tax-xoghol u kellu habib tieghu fil-*construction* u kien imur jghinu u kien idahhal xi haga hekk. Rigward vetturi, ix-xhud tikkonfemra illi l-intimat kellu t-tlett karozzi indikati mid-difensur legali tal-intimat, illi pero bejn wahda u ohra kellu vetturi ohra. Izzid illi l-Mazda kien hariga gdida u anke is-Seat Ibiza. Tirrileva illi ghalkemm jista' jkun li ma halsitx ghal loans tal-vetturi, hija kienet thallas l-*insurance* taghhom. Tispjega illi wara li zzewgu kellha *discount* fuq l-assigurazzjoni u li x-xoghol ghandhom facilita' li l-policies tal-impjegtai u familjari jistghu jithallsu fix-xahar. Fir-rigward tal-karozza taghha, tispjega illi wara l-*maternity leave*, hija kienet hadet hsieb li l-paga tal-*maternity leave* tfadalha u kienet tuza dak li kien irnexxilha tfaddal qabel. L-attrici tikkontendi illi l-loan li hadu mill-APS kien fuq il-post u mhux fuq il-karozza. Tispjega illi l-karozza taghha, parti thallset mill-flus li kienet warbet mill-paga tal-*maternity leave* u il-bilanc thallas mill-flus li dahlu l-partijiet meta bieghu il-post ta' San Pawl il-Bahar.

Rigward l-allegat incident mas-Surmast, tispjega illi hija taf biss dak li qalilha l-intimat u jidrilha li l-intimat kien qalilha li kien hemm argument. Rigward il-gita mal-istudenti, l-attrici tikkonferma illi wara saret taf li kien hemm ukoll certu Julian u Natasha u kien hemm xi persuni ohra li kellhom imorru izda ma marrux. Izzid illi tul din il-gita l-intimat kellu jkun driver.

Rigward l-episodju li sehh *Paradise Bay*, l-attrici tikkjarifika illi hi u taqta' wara telefonata mal-intimat, meta hasbet li kienet qatghet mit-telefonata, minn taht l-ilsien kienet qalet, "*ma jtikx attakk tal-qalb"* ghaliex dak il-hin kienet irrabjata u mhux ghax vera riedet li jtih xi haga. L-attrici anzi tishaq illi meta ricentement gie id-dar wara incident imwerwer, hi kienet l-ewwel persuna li offritlhu biex tiehdu l-isptar. Rigward il-*computer* mixtri ghat-tifla, tispjega illi hi kienet xtrat *computer second hand* u t-tifla kienet tuzah. Eventwalment kien inharaq b'sajjetta u hadu il-flus mill-*insurance*, irrangawh u spiccaw bi tnejn, u filfatt kienu gabu l-*parts* minn *ebay*. Rigward l-istop payment li sar minnha fuq cheque li hareg l-intimat, l-attrici isostni illi hi ma tafx jekk l-intimat kellux xi problemi wara.

***L-intimat permezz ta' affidavit a fol 234 et seq*** jispjega li kien iltaqa' mal-attrici l-GF Abela Sixth Form. Jixhed illi ghall-bidu kienu jiffrekwentaw lil xulxin bhala hbieb, izda mbaghad bdew johorgu flimkien. Izid illi peress li l-attrici ma tantx hija ta' halqha f'ommha, ma tantx kienet halliet impressjoni tajba fuq ommu. Mat-trapass taz-zmien kien sar jaf illi l-attrici kienet tilfet lil ommha meta kellha biss sitt snin. Illi filfatt, l-attrici kienet trabbiet miz-zijiet taghha, flimkien ma' neputija ohra u kugina tal-attrici. Illi kien biss meta kienet ser tibda l-iskola sekondarja li l-attrici marret tirrisjedi lura ghand missierha u hutha, li kienu diga' qabdu jahdmu ghajr ghal ohtha z-zghira Sylvia li kienet waslet lejn l-ahhar tal-istudji taghha biex issir *nurse*. Fil-*weekends* kienet terga' tmur ghand iz-zijiet. Illi maz-zmien, beda jiltaqgha ma' aktar membri tal-familja tal-attrici u ta' spiss kien jaghti xi *lift* lil xi hadd mill-kugini tal-attrici. Jispjega illi kien ra li l-familja tal-attrici kienu ghadhom neqsin minn certu necessitajiet bazici bhal mishun, *shower* etc.  L-intimat tenna li missier l-attrici, kien religjuz izzejjed u jitkellem biss fuq it-talb u r-religjon. Kien wisq dixxiplinat, tant li kellhom problema ghad-dewmien fil-hrug, ghax missier l-attrici kien iridha d-dar kmieni. Jekk kienu jittardjaw ma kinitx l-ewwel darba li kienet issib il-bieb imbarrat jew kienet taqla' xi daqqa.

Illi eventwalment l-attrici kienet xebghet bis-sitwazzjoni tad-dar u bdiet tipprova ssib post fejn tikri, izda ma kellhiex flus bizzejjed biex jippermettulha tikri fond. Illi sussegwentement, jispjega li l-attrici kienet hadet parir mill-imghallem taghha, dwar x'setghet taghmel biex twarrab il-flus ha tkun tista' tixtri proprjeta' taghha u kien issuggerixxa xi skema tal-Lombard Bank. Kienet iddecidiet li tibda tahdem part-time ukoll wara il-full time. Jixhed illi kien imur ghaliha ix-xoghol, jwassalha d-dar, jistenniha tlesti u johodha l-part-time il-McDonalds ta'San Giljan. Jispjega illi kien ukoll jigborha wara s-shift taghha u jwassalha d-dar. Illi imbaghad

kienet marret tahdem l-Eden Cinema u xorta wahda kien jispicca jehodha u jgibha lura, bir-rizultat li l-attrici kienet qieghda taqla' l-flus, filwaqt li hu kien qed jonfoq il-flus fil-petrol. Fil-fatt xtara karozza tahdem bid-diesel biex jiffranka. Xi kultant, biex jevita d-dizgwid kien johrog mal-attrici u missierha ghal xi ikla jew imur ghandhom, imma kien jiddejjaq ghax ma kienx hemm television u missierha kienet joqghod jippriedka fuq ir-religjon.

Jispjega illi l-attrici kienet tigi influenzata mill-hbieb u mill-*peer pressure* u kienet tixtieq li anke hi tavvanza bhalhom. Jixhed illi kultant zmien kienet titfalu l-botti fuq meta kien ser jipproponilha. Izid illi hu ma kellux ghagla partikolari stante li ghand ommu kien komdu kuntrarjament ghall-attrici. Isostni wkoll illi hu ma kienx cert minn din r-relazzjoni peress li kienu wisq differenti, kellhom trobbija differenti u minhabba dawn l-incertezzi kienu jiggieldu ta' spiss. Kienu hassru u beda johrog ma' habiba tal-attrici, izda ftit wara rrangaw. Is-snin ghaddew u sadanittant, l-attrici kienet warrbet bizzejjed flus biex jixtru post flimkien. Kienu sabu apartament San Pawl il-Bahar u hadu loan kongunt, fejn l-attrici kienet taghmel il-pagamenti, filwaqt hu kien ha hsieb jarma l-post u jaghmel xogholijiet ta' tibjid, maintenance u dawl.

Tul dan iz-zmien jispjega li hu kien jahdem bhala salesman u l-paga tieghu kienet tajba u ddecieda li jixtrilha curkett tal-gherusija. Bhala rigal tat-tieg il-genituri tieghu kienu xtrawlhom il-kcina u l-kamra tal-ikel. L-attrici kienet hadet hsieb l-arrangjamenti tat-tieg, u ma tantx kien jargumenta maghha. L-ewwel snin kien zmien fejn kellhom jaddattaw ghall-hajja gdida bejniethom. It-tnejn kienu jahdmu, izda filwaqt li minn naha tieghu, kien il-hin kollu jara kif ser isib impjieg ahjar sabiex ikollu ntrojtu ahjar u hinijiet ahjar, l-attrici kienet tikkuntenta bl-impjieg li kellha u ma kellhiex interess li tavvanza. Kienet ukoll ras iebsa u trid tghaddi taghha kull darba u dan kien l-ikbar difett li kellha. Kwistjoni minnhom kienet li l-attrici kienet issajjar ghall-missierha u kien ihallashom b'tlett flixken Kinnie.

Isostni li sena wara z-zwieg, shab l-attrici bdew ikollhom it-tfal u l-attrici bdiet tiffissa li riedet tarbija, filwaqt li l-konvenut jixhed illi dak iz-zmien hu ma tantx kien herqan peress li l-post taghhom ma kienx ghadu lest, izda minghajr ma ppjanaw, l-attrici kienet harget tqila. Dan kien zmien hazin peress li sfortunatament kien tilef l-impjieg tieghu u kien jinkwieta kif ser ilahhqu mal-ispejjes. Inoltre r-relazzjoni taghhom ma kienitx felici. Lejn l-ahhar tat-tqala, kien sab impjieg u wara li twieldet it-tifla, l-hajja taghhom qalbet ghall-ahjar, ghax ma tantx kienu jargumentaw u kienu ferhanin hafna.

Sabu hafna ghajnuna bit-tifla mill-familjari rispettivi sabiex it-tnejn li huma setghu jmorru lura ghax-xoghol. Illi sussegwentement, kienu inghataw offerta biex ibieghu l-appartment taghhom f'San Pawl il-ghaliex kien hemm tlett sulari tarag, u ma kienx prattiku ghalihom jew ghat-tarbija. Bdew ifittxu post u l-konvenut jispjega li rega' spicca bla xoghol, izda baqghu mixjin bil-pjanijiet u mill-bejgh tal-post, kienu hallsu ukoll il-loan li kellhom fuq il-vettura tal-attrici, sabiex b'hekk ikollhom loan wiehed biss.

Ftit wara sab impjieg bhala LSA gewwa skola tal-Gvern u kien zamm part-time ukoll, ghax kellu hinjiet tajbin. Isostni li l-attrici kienet tirridikolah u tghid li kienu mxew 'l quddiem minhabba fiha. L-intimat dehrlu li l-attrici kien telghalha ghar-rasha u kienet tarah dimotivat. L-attrici kienet saret insopportabbli peress li kienet wisq dominanti. Hadet ir-riegni f'idejha ghal dak li jirrigwarda l-finanzi taghhom. Rieditu jhallas nofs l-ispejjes tal-loan u nofs il-kontijiet, izda jghid li qatt m'offriet biex thallas l-ispejjes l-ohra.

F'Ottubru, 2009, l-attrici akkuzatu li ghandu relazzjoni ma' Cynthia Grech, li kienet tahdem mieghu go l-iskola u marret tghid lill-familja tieghu. Ippretendiet li ma jkellimhix iktar, izda kienet haga impossibbli peress li Cynthia kienet tahdem fl-istess skola. Kienet anke opponiet bil-qawwa meta siefer mal-iskola Trapani, il-ghaliex Cynthia kienet ser tkun prezenti. Waqt li kien Sqallija, kien ircieva telefonata minghand il-Pulizija ghax riedu jkellmuh rigward investigazzjoni ta' frodi. L-ewwel hsieb li gie f'mohhu kien, li dina kienet vendikazzjoni da parti tal-attrici ghax kien mar Sqallija.

Meta wasal lura Malta fis-26 ta' Frar, 2010 mar id-Depot u kien gie arrestat u interrogat mill-Ispettur Ivan Cilia, fuq xi firem li jinnega li kienu tieghu. Gie rilaxxat u meta mar lura d-dar, l-attrici lanqas biss staqsietu x'kien gara u kien konvint li kellha kienet involuta f'din l-affari. Dakinhar stess kien fetah il-posta u kien sab 8 jew 9 American Express Travellers Cheques b'valur ta' €500 u ma kienx jaf x'inhuma. Ftit wara dan l-incident, l-attrici kienet qaltlu li kienet tkellmet ma' avukat u kienet ser tibda bil-proceduri ta' separazzjoni. Jistqarr li bdew jigru affarijiet mhux normali, fejn kollega tal-attrici, li gieli kienet tkun ghandhom, bdiet tikteb fuq il-media socjali, kummenti dwar id-dizgwid ta' bejnu u l-attrici. Kien ghalhekk li kien baghat messagg lil dina l-persuna biex thalli lill-attrici bil-kwiet u spicca kienu baghtu ghalih il-pulizija.

Fit-18 ta' Mejju, 2010 kien mar messaggier mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni l-iskola fejn infurmah li kien gie sospiz mix-xoghol minghajr paga u dan minhabba l-proceduri li kellu l-Qorti. Il-konvenut jinnega li kien jaf bihom, anzi jinsisti li l-attrici kienet taf b'dak kollu li kien qed jigri u kienet qed tigdeb mieghu. Minn dakinhar ighid li tilef kull rispett u fiducja lejn martu. Kellu hafna problemi peress li l-paga kienet tnaqqsitlu bin-nofs u kien qed jaqla ghalhekk €387, li minnhom kien ihallas €132 loan kongunt li kien ha biex ihallas karozza second hand li kien xtara fl-2008. Kien ihossu wahdu hafna u ma kellux ma min jiftah qalbu. Beda jsib xi impjiegi 'l hawn u 'l hemm, pero' kien difficili peress li kien sospiz mix-xoghol. Kien hemm mumenti meta ma kellux flus u meta kien idur ghall-attrici biex forsi tghinu ma sab l-ebda ghajnuna.

Ftit zmien wara l-attrici regghet talbet separazzjoni u ghal darb'ohra oppona. L-attrici kienet bdiet proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja, fejn kienu pproponew li jattendu sezzjonjiet ta' *family therapy* u minkejja li ma jemminx fihom, il-konvenut jistqarr li ddecieda li jattendi. Fit-12 ta' Mejju, 2011 inghatat sentenza fejn instab hati ta' frodi u falsifikazzjoni ta' dokumenti u appella minn dina s-sentenza. L-attrici ma uriet l-ebda empatija mieghu. Kien baqa' jahdem bhala *driver* biex jaqla' xi haga tal-flus, l-iktar sabiex ikollu xi haga fuq ir-rih biex lit-tifla ma jhalliha nieqsa minn xejn, minkejja li l-attrici kienet toqghod tghid lill-minuri li ma kellhomx flus u ma setghetx tixtrilha dak li riedet. Sadanittant, kienu baqghu jattendu t-*therapy sessions,* izda l-attrici kienet qatghet kull kuntatt intimu mieghu u kien iddecieda li jwaqqaf is-sezzjonijiet, meta f' wahda mill-ahhar sezzjonijiet kienet bdiet tghajjat.

Il-konvenut ikompli jispjega li kien qed jaghmel minn kollox sabiex isib impjieg li jidher bhala *part-time*, meta effettivament ikun qed jahdem *fulltime*. Kien hemm zmien meta thajjar li jiftah negozju bit-tiswijiet tal-karozzi, izda l-attrici rrifjutat li tiffirmalu biex jiehu *loan*. Beda joqghod fuq saqajh meta sab impjieg ma' familja barranija u kien jahdem bhala *driver* maghhom. Hassu iktar kuntent u kellu izjed serhan il-mohh. Xtara bbq ghall-familja u geezer u organizza ukoll party ghall-Grizma tat-tifla. Fis-sajf kien anke jehodhom il-bahar, jikru s-sunbeds u jixtru gelat. Madanakollu, xejn ma kien jikkuntenta lill-attrici, li ddecidiet li ma riditx issajjarlu izjed peress li ma kienx jikkontribwixxi lejn l-ispejjes ghall-ikel. Fit-23 ta' Jannar, il-konvenut ighid li kellu ikla ma' shabu z-Zurrieq u kien mar flimkien ma' Cynthia Grech u kellhom jiltaqghu mal-hbieb hemmhekk. Isemmi li dawn kienu Julian Borg u certu Natasha (vide xhieda fol 274). Kienu dahlu fuqhom l-attrici u l-partner ta' ohtha, fejn l-attrici kienet bdiet tiehu r-ritratti u kienet marret taghmel rapport l-ghassa taz-Zurrieq. Dakinhar meta

mar lura d-dar ma kienx sab lill-attrici u lil bintu d-dar. L-ghada kien insista mal-attrici li ried jara lil bintu. Ftit granet wara, kien rega' rcieva minghand l-avukat tal-attrici fejn kienet ghal darb'ohra qieghda titolbu s-separazzjoni. Il-konvenut ighid li l-ewwel interess tieghu kien li jnaddaf ismu minhabba l-kawza kriminali u li jiehu hsieb l-interessi tal-minuri u jibza' li l-attrici tabbandunaha meta jkollha bzonnha l-aktar. Il-konvenut ighid li l-attrici ma thallihx jitkellem u jaghti opinjoni fejn jirrigwarda l-minuri, ghax peress li ma jhallasx xejn m'hu intitolat ghal ebda dritt tghidlu. Il-konvenut ighid li l-paga tieghu tammonta ghal €426 kull erba' gimghat. Jispjega li ma jistax jaghti somma ta' manteniment lil martu, izda jghinuh il-genituri tieghu u jemfasizza li lil bintu ma jhalliha nieqsa minn xejn, johrogha tiekol, jixtrilha l-hwejjeg u jaghtiha l-pocket money meta tohrog mal-hbieb. Il-maggorparti tal-kontijiet jikkonferma li thallashom l-attrici, izda jghid li ma jarax ghalfejn ghandhom jinqasmu l-ispejjes meta l-attrici taqla' cirka €18,000.

***In kontro ezami, l-konvenut*** jispjega *(vide fol 26 et seq)* illi wara li kien iwassal lill-attrici lura d-dar kien imur jiehu drink qrib id-dar tieghu r-Rabat u lill-attrici ma kienx jghidilha b'dan. Jinnega li hu insinwa li l-attrici kienet ghazziena, anzi jafferma li kienet biezla. Mistoqsi dwar min kien ihallas il-loan waqt l-gherusija, jikkonferma li kienet l-attrici imma kien hemm spejjes ohra li kien ihallas hu bhal xoghlijiet fid-dar, elettriku, tibjid, maintenance etc. Jikkonferma ukoll illi fl-gherusija qabel ma kellhom il-post u meta kien ghadu kif gab il-licenzja kellu relazzjoni ma' habib tal-attrici. Mistoqsi dwar ir-relazzjoni tieghu ma' Cynthia Grech, isostni illi hi kienet clerk l-iskola u hu kien LSA.

***Riprodott in kontro ezami*** u mistoqsi dwar meta l-attrici kienet ikkonfrontatu fuq Cynthia, jirrileva illi ghalih kien normali li johrog mid-dar u jmur jiehu drink. Suggerit illi fir-realta huwa kien ihobb lil Cynthia Grech u kellu relazzjoni maghha, jinnega dan kollu. Mistoqsi ghalfejn kien segwa lil martu bil-karozza, jispjega li huwa ried li jkun jaf fejn kienet sejra martu waqt li binthom kienet qieghda party. Mistoqsi ghalfejn l-ikla tax-xoghol hu u Cynthia kienu marru b'karozza wahda, isostni illi peress li kien bil-lejl, huwa offra li tirkeb fil-karozza mieghu u jikkonferma illi hu kien ghadda ghal Cynthia Grech id-dar taghha u minn hemm saq ghaz-Zurrieq. Illi l-intimat pero' jinnega illi fl-istabbiliment huma kienu wahidhom u li dakinhar kellhom ikunu erbgha, izda xhin dahlet martu, kienu ghadhom hu u Cynthia. Mistoqsi jindika minn kienu iz-zewg kollegi l-ohra, l-intimat wara li rrifjuta li jindika l-ismijiet, isostni illi dawn kienu certu Julian Borg u Natasha.

***Sarah Debono, social worker, u in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg xehdet in ezami*** fejn spjegat li l-attrici kienet ghamlet kuntatt maghhom l-ewwel darba fit-2 ta’ Frar, 2011 meta bdiet tippanikja li r-ragel taghha kien ser jaghmel rapport is-Sedqa fuqha peress li l-konvenut kien qieghed jallega li l-attrici ma kienitx “a fit mother.” Ix-xhud tirrileva illi l-attrici kienet qaltilhom li zewgha l-konvenut kien dominanti hafna, abbusiv, fizikament vjolenti u cioe kien hemm drabi fejn kien jaghtiha fuq wiccha jew jaghtiha bil-ponn u kien anke joqbzilha. Debono xehdet li l-attrici ma riditx taghmel rapport mal-pulizija ghaliex bezghet mir-reazzjoni ta’ zewgha. Kellu ukoll ghira eccessiva.

Tixhed illi l-attrici kienet spjegat li l-problemi bdew xi sena u nofs qabel ma ntebhet li kellu relazzjoni ma’ mara ohra. Ix-xhud tispjega li anke kien hemm problema biex l-attrici taghmel appuntament maghhom ghaliex bdiet tibza’ li l-konvenut kien sejjer jinduna ghax kien isegwiha. Kien ghalhekk li ghamlu appuntament gewwa l-ufficcju tal-attrici f’April, 2011 u dakinhar ix-xhud tirrileva illi l-attrici kienet tidher imbezza’ u konfuza, il-ghaliex l-affarijiet ta’ bejniethom kienu skalaw. Tishaq illi l-attrici dakinhar kienet qaltilha li r-ragel kien beda jintimidaha u kien hemm incident fejn beda jimbuttaha u biex tiddefendi ruhha kienet laqtitu u kien hareg id-demm minn imniehru. Illi sahanistra l-intimat kien pogga r-ritratti fuq Facebook u kienu gew il-pulizija, izda peress li nsertaw jafuhom, il-pulziija kienet ipprovat tikkalmahom u talbuhom biex jippruvaw jirrangaw l-affarijiet.

Ix-xhud tirrakonta li l-konvenut kien iqatta’ hafna hin quddiem il-post tax-xoghol tal-attrici u kien taha x’tifhem li kien pogga l-kameras kullimkien biex ikun jaf x’inhi taghmel. Sakemm ix-xhud kienet ghadha l-ufficcju, l-attrici irceviet telefonata minghand il-konvenut u kienet dahlet fi stat ta’ paniku.

Ftit wara, ix-xhud tispjega li l-attrici kienet bdiet proceduri ta’ medjazzjoni u kienu bdew jattendu sezzjonjiet ta’ *family therapy* ghand Carmen Delicata fejn jidher li s-sitwazzjoni kkalmat ftit. F’dana l-istadju l-abbuz fiziku kien waqaf, izda dak verbali u emozzjonali ma baqa jsehh. Ix-xhud izzid illi f’Ottubru tas-sena 2014, l-attrici kienet regghet ikkuntatt maghhom poeress li skala l-abbuz emozzjonali, kif ukoll dak finanzjarju. Tul dan il-perjodu ukoll, l-attrici kienet infurmatha li l-konvenut kien bla xoghol u l-piz finanzjarju kien waqa’ kollu fuqha u hi u t-tifla, li dak iz-zmien kellha xi tnax-il sena, ma kienux kuntenti u riedu jitilqu mid-dar. Kien hemm wisq tensjoni u ansjeta’. Kienet qaltilha li matul is-sajf l-intimat kien qed jixrob hafna u li xi hadd anonimu kien cemplilha sabiex ighidlha li zewgha kien

qieghed f'relazzjoni ma' mara ohra. F'Jannar, 2015 fethet il-proceduri ghas-separazzjoni u kienet ikkonfrontat lir-ragel dwar din l-mara.

Minn meta bdiet bil-proceduri ta' separazzjoni, ix-xhud tirrileva li l-attrici kienet qaltlilha li donnu l-konvenut kien accetta s-sitwazzjoni u minkejja li kienu ghadu jghix fid-dar matrimonjali ma kienx ikun presenti hafna u kienet qeghda tadatta ahjar ghas-sitwazzjoni. Peress li ma kienux lahqu ftehim tramite l-medjazzjoni, f'Lulju 2015 kienu fethu l-kawza ta' separazzjoni u kienet regghet kellmitha f'Settembru, 2015 biex tara jekk l-attrici kellhiex bzonn xi haga u minn naha tal-Appogg tirrileva illi kienu ghalqu l-kaz peress li kienu nbdew il-proceduri l-Qorti.

***David Galea, in rapprezentanza tal-APS Bank*** ikkonferma li l-partijiet kellhom joint account li huwa overdraft loan li nfetah f'April, 2014 u ghadu attiv. Il-bilanc li ghadu dovut kien ta' €66, 275.79 u l-pagamenti jirrizulta li kienu qed isiru minn kont iehor li kien fil-Bank of Valletta plc, pero' ma setax jikkonferma lil min kien jghajjat dan il-kont.

***Michelle Camilleri permezz tal-affidavit a fol 120***, tispjega illi hi habiba tal-attrici u li ilha tafha ghal dawn l-ahhar tnejn u tletin (32) sena. Ix-xhud tiddeskrivi lill-attrici bhala persuna ta' valuri u twajba, li kulhadd ihobbha u hi dejjem lesta biex tghin. Ghall-bidu meta saret taf lill-konvenut, kien jidher bhala persuna onesta u affidabbli, izda ma' zmien hareg li kien totalment l-oppost. Tirrileva illi l-intimat kien persuna li ma tantx jerfa' responsabbilita' ghall-familja u **kien qalilha li jekk l-attrici kuntenta tahdem is-sieghat li tahdem, tkompli tahdem hi, ghax kien kuntent jahdem biss nofstanhar.** L-ewwel darba li saret taf li kien hemm problemi bejniethom kien meta kellhom *school reunion* u l-attrici kienet infaqqghet tibki minhabba xi messaggi li beda jibghatilha l-konvenut.

Ftit ta' zmien wara, ix-xhud tirrakonta li kienet irceviet messagg minghand il-konvenut fejn kien qed jghid kontra l-attrici u hi ratha stramba peress li qatt ma kienet tikkomunika mal-konvenut u staqsiet lill-hbieb l-ohra taghhom jekk kienux ircevew dan il-messagg u filfatt kienu lkoll ikkonfermaw. Tirrileva illi ma kienu semmew xejn mal-attrici u dan peress li hi kienet thobb izzomm il-hajja personali taghha privata. Gara li ftit wara, li certu Mariella, habiba in komuni taghhom sew, in partikolari mal-attrici, kienet baghtet ghax-xhud u ghall-attrici, fejn ammettiet li meta l-partijiet kienu ghadhom gharajjes, bil-pjanijiet li jizzewwgu, **din Mariella kien mietilha missierha u f'dan il-punt f'hajjitha fejn kienet vulnerabbli, il-konvenut kien**

**ittantaha u kienu bdew relazzjoni intima bejniethom li damet sejra ghal tlett snin shah, minn wara dahar l-attrici.**

Ix-xhud tghid li kienet tat parir lill-attrici, biex ma tirrovinax il-hbiberija li kien hemm, ghax wara kollox sabha vulnerabbli u kulhadd jizbalja u hekk ghamlet l-attrici, li tant ghandha qalbha tajba. Izid tghid li l-attrici kienet saret mizerabbli, il-hin kollu tibki. Minkejja li l-konvenut ma kienx qed jaqla’ paga u kien qed imur ma’ nisa ohra, xorta baqqghet bit-tama li ssalva z-zwieg, specjalment peress li kienet tibza’ li jehodilha lit-tifla, ghax kien jammieha b’hafna rigali li ma setghux jaffordjaw. Ix-xhud issemmi episodju meta darba kienu Paradise Bay kollha flimkien, l-ommijiet u t-tfal u l-konvenut kien segwihom.

***Antoinette Debono permezz tal-affidavit a fol 123***, li tigi oht l-attrici, tispjega li kienet indunat li ohtha kellha xi haga tinkwietaha, pero’ ma kienitx hasbet li setghet kienet relatata ma’ problemi maritali. Tixhed illi darba minnhom l-ahwa kollha kienu ghand missierhom, u l-attrici infexxiet tibki. Dakinhar fethet qalbha maghhom li l-konvenut kien qed jaqlibilha ma’ mara ohra. Peress li rawha mfarrka, ix-xhud tispjega illi l-ahwa bejniethom bdew jaraw kif ser jghinuha. Tirrileva illi meta ohtha fethet il-proceduri ta’ separazzjoni, il-konvenut beda jibghatilhom messaggi, anke f’nofs ta’ lejl biex jattakka lill-attrici.

Izzid illi l-attrici kellha problemi finanzjarji ukoll, peress li l-konvenut qatt ma kien konsistenti f’xogholu u kienet tispicca thallas kollox hi u ma kienitx dejjem tlahhaq bil-paga, tant hu hekk, li oht l-attrici, tghid li kienet bdiet tghinha finanzjarjament u ghadha qed tghinha sal-gurnata ta’ llum. L-attrici kienet ghamlet zmien, fejn riedet tipprova ssalva z-zwieg u kien ghalhekk li meta rat lill-konvenut f’Tas-Sliema, f’Dicembru, 2014 ma’ mara ohra l-Plaza, id f’id, ma kienitx infurmatha, sakemm darba minnhom l-attrici urietha ritratti tal-mara li kien qieghed f’relazzjoni maghha u hemm hekk nebhitha b’kollox. Minn dakinhar, tispjega li l-attrici kienet iktar determinata li tmexxi bis-separazzjoni.

**Marvic Chircop**, habiba tal-attrici minn zmien l-iskola, xehdet permezz ta affidavit a fol 125 u tikkonferma dak kollu li qalet Michelle Camilleri, u zzid li meta hi u l-kumplament ta’ shabhom ircevew messaggi minghand il-konvenut kienu ddecidew li jiltaqghu mal-attrici biex jaraw x’inhu jigri. Ix-xhud issemmi ukoll l-incident ta’ meta kienu Paradise Bay u l-konvenut kien nizel hdejhom u kien ghamel xenata quddiem in-nies biex javelixxi lill-attrici. Ix-xhud isemmi wkoll okkazzjoni meta kienet qalet lill-konvenut biex jieqaf jippostja affarijiet kontra

l-attrici fuq Facebook, ghaliex ma kien iservi ta' ebda gid ghat-tifla taghhom. Tixhed illi fit-2 ta' Mejju, 2015, kienet waqfet il-Pit Stop, l-Imgarr biex tixtri zewg pastizzi u hemm kienet rat lill-konvenut, flimkien ma' mara ohra. Tispjega li hi kienet iddecidiet li ssegwihom u kienu nizlu sal-Gnejna u kienet rat li kienu jidhru intimi sew. Izzid illi tant kienet irrabbjata li ddecidiet turih li kienet rat kollox u filfatt il-konvenut kien induna biha.

***Mariella Camilleri xehdet ukoll permezz ta'affidavit a fol 221,*** habiba ohra tal-attrici kkonfermat li waqt li l-attrici kienet gharusa mal-konvenut, **hija kienet qieghda tohrog mal-konvenut ukoll u kienu damu f'relazzjoni xi tlett snin**. Tixhed illi qatt ma kellha l-kuragg tghid lil attrici, izda madwar hames snin ilu, ix-xhud kienet kitbet ittra lill-attrici fejn spjegatilha kollox.

***Felix Mifsud, gharus ta' oht l-attrici, xehed permezz ta affidavit a fol 127,*** jghid li ma tantx kien jiltaqa' mal-familja tal-attrici, hlief f'xi okkazzjoni, izda kien hemm sajf partikolari, fejn l-attrici kienet giet ma' bintha l-hanut tieghu l-Qawra, fejn kienu qed jistennew lil oht l-attrici. F'hin minnhom ix-xhud jirrileva illi l-attrici kienet marret sa hdejn il-pool tas-Suncrest, ghax il-hanut tieghu kien faccata u meta giet lura fil-hanut tieghu nfaqqghet tibki peress li l-konvenut kien qed jibghatilha messaggi li ser jaghmel rapport lill-Pulizija li kienet harbet bit-tifla, ghaliex suppost marret Paradise Bay u mhux il-Qawra. Mifsud jispjega illi kien cempel lil partner tieghu biex tinzel malajr kemm jista' jkun u kien cempel ukoll lill-konvenut u lill-genituri tieghu biex jinzlu wkoll il-Qawra. Il-genituri tal-konvenut insistew li l-akkuzi tal-attrici, kienu biss frott tal-imaginazzjoni taghha u li kellha bzonn tikkura ruhha.

Jixhed illi peress li kien sema' zewg verzjonijiet opposti, iddecieda li jaghmel l-investigazzjonijiet tieghu u sar jaf li din l-mara li allegatament kellu relazzjoni maghha kienet Cynthia u kien sar jaf ukoll min kien zewgha. Zied li kien zamm id-distanza biex ma jinvolvix ruhu iktar. Jispjega illi fit-23 ta' Jannar, 2015, l-attrici kienet talbitu sabiex jakkumpanjaha peress li saret taf li l-konvenut rega' kien ma' mara. Huwa kien accetta u kienu ltaqghu ghall-habta tas-6.30 pm u segwew lill-konvenut hiereg mid-dar.

Jirrakonta li l-konvenut kien mar jiekol ma' Cynthia il-Kingfisher Restaurant, iz-Zurrieq u kienu l-unici nies fir-ristorant. Ix-xhud jispjega li kien ipprova jikkalma lill-attrici u meta waqfet tibki, dahlu fir-ristorant biex jikkonfrontawhom. Jispjega li l-attrici xeghlet il-mobile biex tiehu r-ritratti u video taghhom u l-konvenut kien ipprova johdilha l-mobile minn idejha.

Ix-xhud jghid li hu kien wissa lill-konvenut biex ma jmissx lill-attrici. Huma u hiergin mill-car park, il-konvenut beda jxejjrilhom. Minn hemm marru l-ghassa biex jaghmlu rapport u fil-pront l-attrici ta hass hazin.

Jixhed illi fl-14 ta' Frar, l-attrici ghal darb'ohra kienet infurmatu li rceviet telefonata anonima li l-konvenut kien qieghed ma' mara ohra u kien ghalhekk li regghu marru jaghmlu l-ghassa fuqu. Jispjega li huma kienu qaghdu jistennew fil-car park tal-Mcast tal-Mosta, peress li dik kienet l-informazzjoni li kellhom u fl-ahhar kienu rawhom. Din id-darba, il-konvenut kien ma' mara ohra. Sussegwentement kien hemm mara ohra, li skond l-attrici, kienet il-persuna li tiggestixxi l-kazin tal-PN fl-Imgarr. Ix-xhud jirrileva illi huwa kien iddecieda li jaghmel l-ghassa u kull darba li kien imur u jsib il-kazin miftuh, dejjem kien jara lill-konvenut u lil din il-mara hemmhekk, pero' ma kienx informa lill-attrici b'dan. Kien hemm darb'ohra fejn kienet cemplitlu ghax kienet sejra tigbor lit-tifla mill-ajruport u l-konvenut kien qed jheddidha.

Ix-xhud jispjega ukoll illi peress li l-attrici u hutha trabbew minghajr omm, il-partner tieghu, u cioe oht l-attrici, li kienet l-ikbar mill-eta fost l-ahwa, tant li kellha tohrog mill-iskola biex trabbi lil hutha, baqghet il-figura ta' omm ghall-attrici. Kien ghalhekk li l-attrici, l-izghar wahda fost l-ahwa, u kienet idur lejn il-partner tieghu meta jkollha bzonn l-ghajnuna. Izid illi anke kienet tghinha ukoll finanzjarjament u filfatt gieli kellhom xi jghidu minhabba f'hekk peress li kien jara lill-konvenut ma jahdimx u jipprova japprofitta mill-generosita' taghhom.

***Sylvia Nappa oht l-attrici, fl-affidavit taghha a fol 131*** stqarret illi l-attrici kienet trabbiet maz-zijiet sakemm kellha ghaxar snin, peress li kienet mietet ommhom, imbaghad wara marret tghix lura maghhom u fil-weekend kienet tmur ghand iz-zijiet. Kien hemm zmien meta l-attrici kienet qaltilha li kellha xi problemi mal-konvenut u li kienet qed tissuspetta li qed jaqlibielha.

Ix-xhud tispjega illi hi kienet issuggeritilha biex ifittxu l-ghajnuna minn professjonisti, izda kienet intebhet li kellhom wisq problem. Sussegwentement, tirrileva illi l-konvenut kien beda jsegwi lill-attrici kull fejn kienet tmur u li ohtha, l-attrici, tant kienet mahkuma mill-biza' li lanqas kienet tissogra icemplilhom. Kienet thoss li ohtha kienet sejra mill-hazin ghall-aghar. Izzid illi ohtha kellha anke problemi finanzjarji u li hi kienet tghinha ukoll fejn setghet.

Tirrakonta li meta l-attrici kienet hadet id-decizjoni biex tissepara, il-konvenut kien bghatilha messagg biex jiltaqa' maghhom ha jaghti l-verzjoni tieghu, izda ma kienux iltaqghu mieghu.

Tirreferi wkoll ghall-incident fejn il-konvenut kien qal lill-attrici, li kien ser jaghmel suwicidju u ma setghux jaqbduh. **Kien ghalhekk li kienu marru ghand il-Pulizija, u meta fl-ahhar sabuh, il-konvenut kien ghamel ghaliha, ghaliex skondtu ix-xhud poggietu f'riskju li jispicca f'Mount Carmel**. Isemmi incident iehor fejn il-konvenut ma riedx idahhal lill-attrici d-dar **sakemm taghtih l-i*statements* tal-bank** u kellha tintervjeni biex tikkonvincih jidhol id-dar.

***PZ, omm il-konvenut, fl-affidavit taghha a fol 249*** tispjega illi rabbiet il-familja, bhala familja maghquda hafna. Il-konvenut kien tifel kwiet u sensittiv. Izzid illi hi kienet tiehu hsieb li jkollhom edukazzjoni tajba. Tikkonferma li kien ltaqa' mal-attrici meta kienu qed jattendu s-Sixth Form flimkien u tirrileva illi meta ltaqghet mal-attrici, indunat li ma tantx kienet it-tip li tghomod il-kliem, izda hadet grazzja maghha. Tistqarr li kollox kien miexi harir sakemm izzewwgu. Tixhed illi huma dejjem kienu generuzi maghhom u fejn setghu jtuhom daqqa t'id dejjem kienu lesti li jaghmlu dan. Tispjega illi kull nhar ta' Hadd, il-partijiet kienu jmorru jieklu ghandhom.

Tixhed illi meta twieldet it-tifla tal-partijiet, huma dejjem ippruvaw jghinhuom bil-babysitting u peress li x-xhud kienet tahdem kien jghinha r-ragel. Tispjega illi fl-2009, l-attrici kienet tathom l-ahbar li l-konvenut kien qed jaqlibielha u kienet tatha widen u anke ppruvat tghinha u filfatt il-konvenut kien ha ghalih. Tirrileva illi meta l-attrici kienet talbet ghas-separazzjoni mill-konvenut, kemm hi, u kif ukoll il-familjari tal-attrici ppruvaw jaraw kif ser ighinuhom. Tixhed illi kien anke involva ruhu l-partner t'oht l-attrici, izda ma kienx persuna addattata biex jaghmel dan ghaliex ma kellux familja. It-tieni problema li tfaccat kienet meta l-konvenut kien gie akkuzat li kien ffalsifika xi dokumenti relatati max-xoghol tieghu part-time, fejn kien gie sospiz ukoll mill-impjieg full-time tieghu, fejn ghall-bidu anke kien minghajr paga izda u mbaghad tant kienu insistew mal-awtoritatjiet li kienu tawh nofs il-paga. Tistqarr li dan ma kienx zmien sabih ghall-konvenut u kien ghalhekk li kienu jghinuh finanzjarjment kif ukoll jaghtuh hafna support. Tispjega li kienu anke offrew lill-attrici li jhallsulhom il-pagamenti tad-dar, izda l-attrici rrifjutat. Is-sentenza kriminali li nqatghet kontra l-konvenut gabet izjed problemi fuq il-konvenut u l-attrici kompliet bis-separazzjoni, sakemm fis-27 ta' April, 2016 is-sentenza appellata nqatghet favur il-konvenut u gie lliberat minn kwalsiasi akkuza.

***Missier il-konvenut, EZ permezz tal-affidvait tieghu a fol 252*** jikkonferma l-kontenut tax-xhieda ta' martu.

***Joanna Bartolo, (vide fol 145) in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc***., wara li ghamlet ricerka fuq il-partijiet irrizultalha illi fuq l-intimat ma sabu xejn u li kien hemm tlett kontijiet f'isem l-attrici li kienu maghluqin, u tlieta li kienu miftuhin, kif ukoll tlett credit cards flypass. Tispjega li kien hemm zewg credit card numbers, pero' kienu jirreferu ghall-istess kont. Kien hemm bilanc ta' €2192.88. Dwar iz-zewg savings account tikkonferma li dawn kienu "in credit." Il-budget account li huwa tip ta'overdraft account huwa "in debit." Tikkonferma li ma kienx hemm loan.

Dwar l-"incoming customer credit transfer" a fol 73 tal-atti, tghid li dan huwa dokument mahrug mill-APS Bank. Tispjega ukoll illi kien hemm ukoll E-Account, Young Savers Account u Savings Account li huma it-tlett kontijiet maghluqin.

***Joanna Bartolo riprodotta (vide fol 171)*** tispjega illi fir-rigward tal-urban account number 40013063793, huwa a BOV Control Account, liema account number jidher f'transactions meta klijent ikun ghamel transfer minn account tieghu ghal dan l-account taghna u minn hemm isir it-transfer lil Bank iehor. Illi f'dan il-kaz, l-attrici ghamlet transfer minn Fly Pass Account taghha ghal go l-APS Bank, li wasal ghand l-APS tramite dan il-kont tal-BOV stess.

***Audrey Ghigo, (fol 147) in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc***. tikkonferma li wara li ghamlet ricerka rrizultawlha s-segwenti kontijiet:- F'isem l-attrici kien hemm kont wiehed savings bin-numru 064057110050, illum maghluq. F'isem il-konvenut kien hemm: i) Kont kurrenti bin-numru 023058027001 li ghadu miftuh; ii) Savings account bin-numru 061246542050 li ghadu miftuh; iii) Visa classic bin-numru 45688242817233314; iv) Advanced Visa bin-numru 4035710035900971 llum maghluq. Bhala kontijiet kongunti kien hemm savings account bin-numru 059019232050 li jidher kien ghall-minuri K u loan account bin-numru 059019232300 illum maghluq.

***Lorraine Attard, in rapprezentanza tal-HSBC Bank (fol 369)*** regghet esebit id-dokumenti precedentement esebiti. Tispjega illi fuq l-attrici sabu kont wiehed tat-tip Savings filwaqt li fuq il-konvenut sabu zewg kontijiet, current account u savings account, flimkien ma zewg cards f'isem il-konvenut tat-tip Visa Advance u Visa Classic. Instabu ukoll zewg kontijiet kongunti wiehed tat-tip Savings u l-iehor Loan Account.

***Karen Cremona (a fol 150) in rapprezentanza ta' Transport Malta*** kkonfermat li l-attrici ghandha vettura Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni KEL 30118. Il-konvenut ghandu Skoda Octavia bin-numru ta' registrazzjoni KBD 36919. Dwar dina l-vettura tispjega li ma kellhiex il-firma tal-attrici ghax-xiri tal-istess vettura, filwaqt ghat-Toyota tal-attrici, dina kienet inxtrat bil-hire purchase u kien hemm il-firma tal-konvenut.

***Gaetana Borg, (a fol 152) in rapprezentanza tas-socjeta' Nature Plus Ltd***. ikkonfermat li l-konvenut kien jahdem maghhom bejn l-1 ta' April, 2014 sas-26 ta' Settembru, 2015 meta giet itterminat l-impjieg.20 Esebit l-FS 3's tieghu tul dak il-perjodu.

***Saviour Theuma (a fol 152) in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali*** kkonferma li l-partijiet kienu hadu beneficcji. L-attrici kienet ukoll ilbeneficjarja tac-childrens allowance. Ikkonferma li l-konvenut kien ha l-marriage grant u ma eskludix li l-attrici kienet haditha ukoll.

***Dr. Michael Gonzi, (a fol 172)*** kien tabib kuranti tal-partijiet. Jikkonferma li kien hemm xi zmien li l-attrici kienet marret tinvistah peress li kienet naqset sew u kienet tidher *depressed* u ghalhekk talbitu *anti-depressants*. Kien irriferiha lil psikjatra Dr. David Cassar. Ighid li presentement l-attrici tidher tajba. Induna li l-attrici ma kienitx thossha komda biex titkellem u nduna li kien hemm xi problemi familjarji.

***Joseph Saliba, (a fol 173) in rapprezentanza tal-ETC ipprezenta l-employment history*** tal-konvenut. Jispjega li l-ahhar impjieg li kellu rregistrat kien tal-10 ta' Jannar, 2005 mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Impjieg u Familja.

***Elizabeth Quintano (a fol 173),*** in rapprezentanza tal-Assistant Registratur tal-Qrati u Tribunal Kriminali esebit sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony Vella fit-12 ta' Mejju, 2011 u dina kienet giet appellata u deciza mill-Imhallef David Scicluna fis-27 ta' April, 2016.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba adulterju,

eccessi, minaccji, theddid u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha. Illi minn naha l-ohra l-intimat jirrileva illi r-relazzjoni tagħhom spiċċat propju għar-raġunijiet esklussivament imputabbli lill-attriċi fosthom vjolenza psikoloġika, eċċessi, sevizzi u offiċi gravi da parti tal-attriċi fil-konfront tieghu u li l-istess attrici naqset mill-obbligi matrimonjali tagħha versu l-intimat.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

***"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacific u fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu nhar is-16 t'April 2000 u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti (*Vide Dok A a fol 6)* wara gherusija ta'ghaxar (10) snin. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tifla, KZ li twieldet nhar it- 3 ta' Jannar 2002 u llum ghandha dsatax (19) – il sena. Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu iltaqghu meta kienu jattendu s-Sixth

Form, f'Gunju tas-sena 1990. Filwaqt li l-intimat telaq mis-Sixth Form ftit xhur qabel ma spicca, l-attrici kienet itterminat l-istudji taghha u sabet impieg ma' socjeta assiguratrici u ilha tahdem hemm ghal iktar minn erbgha u ghoxrin (24) sena. Jidher li qabel iz-zwieg, l-attrici kienet ukoll tirsisti hafna u tara kif taghmel biex ssib xogholijiet part-time sabiex ikollhom fondi bizzejjed biex jixtru u jakkwistaw dar residenzjali.

Filwaqt li l-attrici baqghet relattivament fl-istess impjieg, l-intimat kellu sensiela ta' impjiegi diversi tul is-snin, liema impjiegi kienu ta' durata qasira. Jidher illi l-intimat qatt ma ried impjieg f'ufficcju b'hinijiet fissi. Illi ghalhekk kienu jghinuhom finanzjarjament il-familjari taghhom. Illi wara li twieldet bint il-partijiet, il-familjari tal-attrici u omm il-konvenut kienu jghinu lill-partijiet billi jzommulhom lit-tifla sabiex l-omm tkun tista terga tmur tahdem.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi, huwa l-agir tal-intimat li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet. Il-Qorti rat kif **sa minn zmien l-gherusija**, l-intimat ma kienx fidil lejn r-rikorrenti, kien jahbi l-fatt illi wara li jwassalha d-dar, jerga johrog u bhala stat ta' fatt jirrizulta illi kellu almenu relazzjoni wahda li damet ghal tlett snin waqt l-gherusija, kif jirizulta mix-xhieda ta' Mariella Camilleri u Marvic Chircop[1]. Illi dan jirrizulta ukoll mill-kontro-ezami tal-intimat fejn in poche paroli xehed illi gialadarba huwa jghix ir-Rabat u kien imur jiehdu drink ir-Rabat, ma kienx ihoss il-htiega li jinforma lill-attrici b'dan.

Effettivament sa mill-gherusija l-intimat kellu tlett relazzjonijiet ta' tfajliet ohra, wahda minnhom damet tlett snin waqt li kien gharus mar-rikorrenti.

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm l-intimat dejjem cahad li huwa kkommetta adulterju, din il-Qorti wara li rat l-affidavits tax-xhieda kollha prodotti mill-attrici tqis illi l-provi juru xorta ohra. Il-Qorti rat illi fl-affidavit taghha omm il-konvenut, xehdet illi meta l-attrici kienet fethet qalbha ma' zewgha u cioe ma' missier l-intimat li kellha sospetti li l-intimat kellu relazzjoni

[1] Vide xhieda ta' Michelle Camilleri, a fol 120 et seqq., u t-testimonjanza ta' Marvic Chircop fol 125 et seqq.

extra-maritali, omm l-intimat kienet effettivament "qaghdet fuq il-kelma tal-attrici", tant li tghid li l-intimat kien piutost ha ghalih minhabba dan. Minkejja li f'dawn il-proceduri omm l-intimat tistqarr xorta ohra, dak iz-zmien, omm l-intimat kienet marret mal-attrici tkellem lil xi hadd mill-Moviment ta' Kana sabiex tghin lill-koppja jghelbu dan l-ostaklu tal-adulterju fiz-zwieg taghha.

Din il-Qorti tissottolinea ukoll illi kien hemm diversi persuni ohra bhal *partner* t'oht l-attrici u anke hbieb tal-attrici li xehdu ghar-rigward u li effettivament kienu raw lill-intimat b'ghajnejhom ma' terzi f'attegjament intimi ma diversi nisa. Illi l-Qorti ulterjorment tossserva illi meta **shab bintu** nfurmaw lill-K li kienu qieghdin jaraw lill-intimat ma' mara ohra, l-intimat lanqas biss prova jinnega ma' bintu (u wisq anqas ma' martu) li din l-informazzjoni kienet kongettura ohra fil-konfront tieghu.

Illi filwaqt li din il-Qorti rat illi fir-rikors tal-Appell tieghu l-intimat jishaq illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-attrici, il-Qorti tqis illi ugwalment l-konvenut ghandu l-fakulta' li jiddefendi lilu nnifsu bl-ahjar mod, specjalment fl-isfond ta' proceduri ta' separazzjoni personali fejn it-tort qieghed jigi attribwit lilu mill-attrici, u huwa qieghed jattribwixxi t-tort lill-attrici, izda ghal xi raguni dan ma sarx. Illi ghajr it-testimonjanza tieghu, u dik tal-genituri tieghi, (b'dana illi l-affidavit ta' missieru jikkonferma biss dak li qalet martu minghajr ma jaghti l-ebda valur aggunt lill-verzjoni tal-intimat), il-Qorti tosserva illi l-intimat ma ressaq l-ebda xhieda ohra li effettivament jikkoraboraw il-verzjoni tieghu u lanqas ma saru kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti mill-attrici.

Din il-Qorti rat illi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-intimat kontra l-attrici, ma gew bl-ebda mod ipprovati. Mhux hekk biss, talli ix-xhieda stess tal-intimat tikontradixxi l-allegazzjonijiet minnu maghmula waqt illi l-istess allegazzjonijiet huma kontradetti minn xhieda li ma humiex familjari tal-attrici. Illi di piu', l-intimat ma ressaq ebda xhieda li jikkorraboraw dak allegat minnu dwar iz-zwieg tieghu mal-attrici, wisq anqas ma saru kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti mill-attrici, biex b'xi mod ixejjen dak affermat minnhom. Il-Qorti tinnota illi l-intimat naqas li jressaq lil Julian u Natasha bhala xhieda tieghu biex b'xi mod jikkollaboraw il-verzjoni tieghu li allegatment kellhom jattendu mal-intimat u ma' Cynthia Grech f'restaurant iz-Zurrieq. Di piu' l-intimat ikkonferma illi minn Naxxar huwa ghadda ghall-imsemmija Cynthia Grech l-Imtarfa biex imbaghad nizlu z-Zurrieq flimkien b'karozza wahda.

Illi din il-Qorti ma tqisx illi l-ghazla tal-attrici li ghal darba, tnejn, tlieta twarrab l-infedelta' tal-intimat u terga taghti cans iehor lir-relazzjoni taghhom, tissugerixxi u tikkunsidra li tattendi *counselling*, huwa aġir ta' mara li ma tħobbx lil zewgha u/jew ta mara li riedet taghmel vendikazzjoni lil zewgha sabiex ipatti ghal dak li kien ghamel. Ghall-kuntrarju, meqjusa t-taghrif ta' infedelta' repetut, il-fatt li l-attrici fethet qalbha mal-familja tal-intimat u mhux mal-familja taghha, tfittex l-ghajnuna ta' nies jew professjonisti, il-Qorti tqis dan l-agir bhala wiehed ta' mara mizzewwga, bilghaqal hafna u li taghmel hiltha biex issalva z-zwieg. Il-Qorti tosserva ukoll l-attegjament tal-intimat li meta l-attrici kkonfrontatu b'mod dirett fuq din il-kwistjoni, **ghazel li jitlaq l' barra u jmur jiehu drink**, agir li f'ghajnejn din il-Qorti mhuwiex agir ta' ragel mizzewweg li jixtieq imewwet l-ansjeta ta' martu u jirrikoncilja.

Din il-Qorti dejjem dehrilha illi l-konjugu li jwettaq adulterju, tkun xi tkun ir-raguni wara tali komportament, ghandu jbati l-konsegwenzi li tali adulterju jgib mieghu. Illi filfatt u fuq dan il-punt, din il-Qorti tissottolineja illi minkejja li l-attrici dejjem baqghet tissuggerixxi li jmorru counseling, l-intimat qatt ma wera il-volonta' li jirranga s-sitwazzjoni maritali tieghu bl-ghajnuna ta' professjonisti u mar ghal zewg okkazzjonijiet meta nduna li martu kienet deciza fuq is-separazzjoni fejn car u tond informa lil-counsellor li ma jemminx fih.

Għaldaqstant u mill-assjem tal-provi f'dan il-kuntest, il-Qorti tqis illi l-attrici lahqet il-livell probatorju rikjest mil-ligi u pprovat sodisfacentement fuq bilanc ta' probabbilita illi l-konvenut zewgha kkommetta adulterju.

Illi di piu' il-Qorti rat ukoll illi kemm mix-xhieda tal-hbieb tal-attrici li xehdu permezz ta'affidavit u kif ukoll mix-xhieda tal-haddiema socjali Sarah Debono, irrizulta li l-attrici kienet assoggettata ghall-vjolenza psikologika u verbali li eskalat meta l-intimat ntebah illi din id-darba l-attrici kienet determinata li tipprosegwi bil- proceduri ghas-separazzjoni. Illi mit-testimonjanzi tax-xhieda su indikati jidher li l-intimat kien jibumbardja lill-attrici b'messaggi kontinwi, telefonati, u xenati fil-pubbliku. Illi di piu' irrizulta ukoll illi l-intimat ittenta javveliha ma' shabha u familjari, billi beda jibghat messaggi lil dawn tal-ahhar, jinsulenta lill-attrici. Illi din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal rapport li l-intimat allega li ghamel mal-Agenzija Sedqa fejn qal li rraporta li l-attrici kienet 'an unfit mother'. Illi minkejja li sussegwentement din kienet theddida fierha, il-Qorti taghraf li l-ansjeta li dikjarazzjoni bhal din qanqlet fl-attrici, l-livell ta' intimidazzjoni li l-intimat ezercita fuq l-istess attrici, l-uzu ta'

bint il-partijiet bl-ghan li jinduci biza' fl-attrici u jkompli jikkontrollha lill-istess attrici juru uzu ta' prattika abitwali ta' krudelta da parti tal-intimat fuq l-attrici.

Illi wkoll din il-Qorti rat illi mix-xhieda tat-Tabib Dr M Gonzi huwa kien induna li l-attrici kienet naqset hafna u li kienet tidher depressa tant li kien irriferiha lill-psikjatra Dr David Cassar peress li kien anke nduna li setgha kien hemm xi problemi familjari. Illi l-ghemil tal-intimat fil-konfront taghha sforza lill-attrici tghix hajja mimlija ansjeta u sens ta' persekuzzjoni, tant li l-haddiema socjali u l-avukat difensur tal-attrici kellhom imorru huma l-ufficju tal-istess attrici sabiex zgur tevita li l-intimat isir jaf li kienet qieghda tikseb l-ghajnuna.

Illi filfatt Sarah Debono tixhed illi meta l-attrici irceviet telefonata minghand il-konvenut sakemm hija kienet mal-istess attrici fl-ufficju taghha, l-attrici dahlet fi stat ta' paniku. Illi tali komportament certament mhuwiex il-komportament ta' persuna kif diskritta mill-intimat u cioe' ta' persuna dominanti, mehdija li twaqqghu ghar-redikolu u tumiljah. Illi filfatt il-Qorti rat illi fir-rikors tal-appell tieghu l-intimat jerga jaghmel accenn ghall-fatt li, fil-fehma tieghu, l-attrici kellha attegjament ta' certu arja u superjorita' fil-konfront tieghu, kburija li wahidha qed zzomm il-familja. Din il-Qorti ma sib ebda prova ta' tali attegjament da parti tal-attrici. L-unika haga li jirrizulta lil din il-Qorti, hi li l-intimat kien persuna li jaf joqghod tajjeb, ghamel uzu mill-bzulija tar-rikorrenti sabiex jahdem mill-inqas possibbli u halla r-responsabbilta finanzjarja shiha taqgha fuq spallejn l-attrici waqt li hu berbaq il-ftit flus li kellu fuq n-nisa u x-xalar.

Illi mill-affidavit tal-intimat stess din il-Qorti rat kif essenzjalment l-attrici kienet assoggettata ghall-vjolenza verbali u rat ukoll il-kliem dispreggattiv li l-intimat kien juza fir-rigward ta' martu l-attrici bhal:

> ***"Stupid", "frustrated crazy bore", "pathetic is a strong word…. So mild to describe my wife"***
> ***"My authority was being undermined by her arrogant manners" (Vide fol 239)***
> ***" I got so mad and yelled at her, scaring her for ridiculing me" (Vide fol 239)***

L-attrici tirrileva illi hija subit vjolenza fizika, illi pero', din il-Qorti tosserva illi ma ngabet l-ebda prova oggettiva ghar-rigward u dak riportat mix-xhieda huwa biss dak riportat lilhom mill-attrici kif effettivament jissottometti l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Illi din

il-Qorti hija moralment konvinta li l-attrici kienet vitma ta' vjolenza psikologika, *purtroppo* u di piu', il-Qorti hija moralment konvinta li, propju minhabba din il-vjolenza psikologika, l-attrici kienet waqqghet ir-rapporti minnha ntavolati u dejjem qaghdet lura milli tintavola rapporti ulterjuri mal-Pulizija.

Illi mill-lat tan-nuqqasijiet finanzjarji allegati da parti tal-attrici versu l-intimat, din il-Qorti rat illi filwaqt li huwa minnu li l-intimat biddel diversi xoghlijiet sakemm donnu sab postu bhala LSA, u ghalkemm forsi kien hemm perjodi fejn l-intimat kien effettivament disokkupat, din il-Qorti tara illi fil-maggior parti taz-zmien l-intimat ra x'ghamel biex dahhal xi haga tal-flus u li anke kien idur fuq il-genituri tieghu sabiex jghinuh minn dan l-aspett. Illi filwaqt li din il-Qorti jidrilha illi kien hemm okkazzjonijiet fejn l-intimat immanifesta nuqqas kbir ta' responsabbilita (hekk per ezempju meta ghazel li jaqbad u jirrezenja mix-xoghol qabel ma sab impjieg iehor), decisjoni azardata da parti ta' konjugu u genitur li flimkien ma martu ghandu d-dover li jipprovdi ghall-famija, tikkoncedi illi meta l-intimat gie redundant, tali sitwazzjoni setghat possibbilment kienet barra mill-kontroll tieghu.

Illi ciononostante, din il-Qorti tapprezza illi l-piz finanzjarju tal-familja effettivament waqa fuq l-attrici u li kienet hi, kif jammetti l-istess intimat in kontro-ezami, li kienet taghmel tajjeb ghall-obbligi finanzjarji tal-kopja u l-ispejjes tal-hajja. Illi pero' u tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi c-cirkostanzi ma kienux tali li l-intimat halla lil bintu nieqsa mill-bzonnijiet tal-hajja, izda cirkostanzi sfurtunati stante li l-introjtu tal-partijiet effettivament ma kienx sufficjenti, liema introjtu kompla naqas drastikament minhabba l-proceduri kriminali fil-konfront tal-intimat.

Illi pero' din il-Qorti rat kif l-intimat minn Ottbru tas-sena 2014 kien johrog u jigi lura x'hin u kif ifettilhu, kif kien qieghed jonfoq flusu fix-xorb u kif erhilha ghall-hajja ta'xalar u divertiment, minghajr ebda rigward ghall-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-kopja u ghall-ispejjes inkorsi mill-familja tieghu, b'dana ghalhekk li rrenda lilu nnifsu hati ta' vjolenza finanzjarja.

Fid-dawl tal-premess, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante adulterju u offizi gravi da parti tal-intimat.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa ħati ta' adulterju u għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attrici f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tal-intimat s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

***Kura u Kustodja ta' KZ:***

Illi l-Qorti tifhem illi bint il-partijiet K, ormai hija maggorenni billi ghalqet d-dsatax (19)- il sena. Illi fid-dawl ta' dan, tali talba hija ormai sorvolata u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

***Manteniment ghal bint il-partijiet KZ:***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati

skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Ili fid-dawl ta' dak li xehed l-intimat ghar-rigward l-problemi finanzjarji tieghu, id-diffikulta' tieghu li jsib xoghol sakemm kienu ghadhom pendenti il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu, l-instabbilita fl-impjiegi li dejjem kellu, il-Qorti tfakkar li kif diga ritenut iktar qabel, l-obbligu tal-genitur li jmatni lill-uliedu huwa **obbligu assolut li mhuwiex marbut ma' l-ebda impieg**.[2] Il-Qorti rat illi wara li gie liberat mill-Qorti tal-Appell, l-intimat rega rritorna fl-impjieg tieghu bhala LSA, b'dana illi ghandu introjtu stabbli u regolari. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi l-intimat qed jigi ordnat ihallas s-somma ta' mitejn u hamsin euro (EUR 250) fix-xahar. Il-Qorti, wara li qiset dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, ma tikkondividix mat-tezi tieghu u tordna li sakemm KZ tibqa tistudja sal-eta ta' tlieta u ghoxrin sena (23) u tibqa tirrisjedi ma ommha, il-manteniment dovut mill-intimat, ghandu jithallass direttament lir-rikorrenti f'kont bankarju minnha indikat. F'kas li KZ, taghzel li tghix ghal rasha, waqt li tkun ghadha qed tistudja u taht l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena (23), l-intimat ghandu jivversa l-ammont ta' mitejn u hamsin euro (EUR 250) fix-xahar direttament f'kont bankarju ta' KZ. Illi oltre l-manteniment, il-Qorti tordna li l-intimat ihallas nofs l-ispejjes edukattivi, dawk ta' sahha u kif ukoll dawk extra-kurrikulari u dana fuq prezentata tal-ircevuti relattivi. Il-Qorti tordna di piu', li l-intimat ihallas l-arretrati dovuti lill-attrici tas-sehem tieghu

[2] Vide Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja deciza mill-Prim Awla (Citazz 154/1994)

mill-ispejjes edukattivi, tas-sahha u extra kurrikulari, liema arretrati sakemm kienu ghadhom ghaddejjin il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja kif diversament preseduta kienu jammontaw ghal circa tlett elef, tmien mija, tmienja u hamsin euro u disgha u hamsin centezmu (EUR 3858.59). Illi l-Qorti tordna illi l-intimat ghandu jaqta l-imsemmi ammont billi flimkien mal-ammont indikat bhala manteniment, u sehmu mill-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u extra kurrikolari, ghandu jivversa mija u hamsin euro (EUR 150) fix-xahar lill-attrici.

***Manteniment ghall-Attrici:***

Il-Qorti rat illi l-attrici flimkien mat-talba ghall-manteniment ghal bint il-partijiet, resqet talba ghall-manteniment ghaliha nnfisha. Illi din il-Qorti ma tqisx illi tali talba hija flokha specjalment in vista tal-fatt li l-attrici dejjem hadmet sabiex tmantni lilha nnifisha u lill-familja taghha, u li ghadha tahdem sal-lum il-gurnata. Illi l-Qorti tosserva ukoll illi stante li llum bint il-partijiet ghandha dsatax- il sena, l-attrici tista anke tirriverti tahdem fuq bazi *full time* flok fuq bazi ta' *reduced hours*. Illi ghalhekk din il-Qorti tichad tali talba.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Il-Qorti regghet rat is-sentenza *in parte* datata 11 ta' Lulju 2018 li permezz taghha din il-Qorti diversament preseduta mill-Imhallef Dottor R G Mangion, wara li rat li l-partijiet ma kellhom l-ebda oggezzjoni ghar-rigward, ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ghadha *in vigore* bejn il-partijiet.

Illi l-Qorti rat illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

- Id-Dar Matrimonjali bin-numru 10/3 Gondola Court, Triq is –Simblija Naxxar;
- Life Insurance
- Kontijiet Bankarji; u
- Zewg Vetturi

***Krediti dovuti lill-Attrici:***

Il-Qorti rat illi mill-atti jirrizulta, li l-attrici ppruvat illi tul iz-zwieg, hija kienet kostretta taghmel tajjeb ghal numru ta' spejjes u ghalhekk hija ghandha tigi rimborzata. Illi l-konvenut jopponi bil-qawwa ghal tali pretensjonijiet u dana stante li dawn thallsu mill-komunjoni tal-akkwisti.

L-attrici tindika s-segwenti spejjes:

- EUR 6601 rapprezentanti pagamenti tal-loan li thallsu interament minnha;
- EUR 860 rapprezentanti flejjes li l-intimat ma hallasx minn sehmu wara d-digrieti pendente lite ta' din il-Qorti kif diversament preseduta;
- EUR 764.43 rapprezentanti sehem l-intimat mill-kontijiet tad-dawl u ilma;
- EUR 873.02 rapprezentanti sehem l-intimat mill-kontijiet tas-servizz tal-GO;
- EUR 906.45 rapprezentanti sehem l-intimat mill-ispejjes ghall condominium, manutensjoni tad-dar u pagamenti relatati mal-insurance;
- EUR 430 kull sena rapprezentanti polza ta' life insurance mis-sena 2014; (sehem l-intimat huwa ta' circa EUR 1505 miss-sena 2014 sas-sena 2021.)

Illi l-attrici tissottometti illi hija ghandha tithallas tal-loan li kienet halset qabel iz-zwieg fuq il-post ta' San Pawl.

Din il-Qorti tqis illi gialadarba l-intimat huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, bl-aktar mod gravi, huwa ma jistax jippretendi li jigi ezentat minn dawn l-obbligi a skapitu tal-attrici, ghaliex ma kellhux minn fejn jaghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjes. Illi filwaqt li din il-Qorti diga kkoncediet illi kien hemm zmien fejn l-intimat verament kien qieghed f'qaghda finanzjarja pessima, illum il-gurnata huwa qieghed jippercepixxi introjtu stabbli mill-impjieg tieghu. Illi ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjes li jammontaw ghal circa hdax-il elf, hames mija u disgha euro (EUR 11,509).

Illi pero' u fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-attrici vis-a-vis il-loan li hija kienet halset qabel iz-zwieg fuq il-post li kellhom il-partijiet f'San Pawl il-Bahar, din il-Qorti tqis illi ma giex ikkontestat mill-attrici illi dak iz-zmien il-konvenut kien ghamel tajjeb ghal sehmu billi ha hsieb it-tibjid, ghadda d-dawl, xtara xi mobbli, u li kienet omm il-konvenut li halset parti mid-depozitu fuq il-konvenju. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi saret tpacija f'dan is-sens.

***Propjeta: Dar Matrimonjali***

Il-Qorti rat illi mill-atti jirrizulta illi d-dar matrimonjali fin-Naxxar inxtrat fiz-zwieg u dana wara li l-partijiet bieghu l-ewwel residenza taghhom f'San Pawl il-Bahar. Illi l-propjeta tan-Naxxar giet akkwistata mill-partijiet wara li dawn hadu self minn bank kummercjali, u cioe mill-APS Bank, liema loan ghadu qieghed jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' circa EUR 430 fix-xahar.

Din il-Qorti osservat li ghal dak li jirrigwarda l-imsemmija pagamenti, *pendente lite* saru diversi rikors da parti tal-attrici, fejn din il-Qorti kif diversament preseduta ordnat illi l-pagamenti dovuti lill-APS Bank u dawk dovuti lill-ARMS jithallsu ugwalment bejn il-partijiet. Illi sussegwentement, l-attrici talbet li sehem l-intimat jigu mhallsa direttament mill-introjtu tieghu, b'dana illi din il-Qorti diversament preseduta permezz ta'digriet datat 18 ta' Frar 2016 (vide fol 125) laqghet tali talba.

Wara li din il-Qorti qieset is-snin shah ta' turbolenza li soffriet K, bint il-partijiet a kawza tal-litigji kostanti bejn ommha u missierha, fejn rat iz-zwieg ta' ommha u missierha jisfaxxa quddiem ghajnejha, din il-Qorti sejra tilqa' t-talba tal-attrici u tawtorizza lill-attrici sabiex flimkien ma' bint il-partijiet K tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali u cioe il-fond bin-numru 10/3 Gondola Court, Triq is-Simblija Naxxar ad esklusjoni tal-intimat, u dana sakemm l-imsemmija K tibqa' tistudja fuq bazi full-time. Illi din il-Qorti tordna dan sabiex tevita pregudizzju ulterjuri lil bint il-partijiet. Illi ghalhekk u fid-dawl t' tali konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond.

Din il-Qorti tordna illi meta bint il-partijiet tiddeciedi li tmur tirrisjedi ghar-rasha, jew tieqaf tirrisjedi fl-imsemmi fond mal-attrici ghal kwalsiasi raguni, ghal-perjodu mhux interrott ta' aktar minn sentejn, din il-Qorti tordna illi d-dar ghandha titpogga ghall-bejgh u r-rikavat, ghandhu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet wara li jithallas il-Bank. Illi minn sehem l-intimat, mbaghad ghandu jitnaqqas l-krediti dovuti lill-attrici fl-ammont ta' EUR 11,509.90. Il-Qorti tordna illi sakemm isir il-bejgh tad-dar matrimonjali, tordna li l-attrici tigi awtorizzata tibqa' tirrisjedi fl-imsemmija dar u anke minghajr ir-residenza ta' KZ.

Fir-rigward tal-home loan fuq l-imsemmi fond, din il-Qorti tordna illi l-ammont rimanenti ghandu jibqa' jithallas b'mod ugwali bejn il-partijiet sa ma l-propjeta in kwistjoni

effettivament tinbiegh. Illi bl-istess mod il-life insurance, fl-eventwalita' li din saret sabiex tkopri il-hlas tal-home loan f'kaz li l-partijiet jigu neqsin, ghandha ukoll tibqa' tithallas b'mod ugwali bejn il-partijiet sa ma l-propjeta in kwistjoni tinbiegh. Il-Qorti tordna illi sehem l-intimat ghall-pagamenti dovuti ghall-home loan u l-life insurance ghandhom jinqatghu direttament mis-salarju tal-istess intimat.

Il-Qorti tordna illi kwalsiasi l-kontijiet dovuti ghas-servizzi ta' dawl u ilma, dawk relatati mal-komun, manutenzjoni tal-imsemmi fond, home insurance, dawk tal-internet, telephone, television, etc ghandhom ikunu a karigu tal-attrici mid-data ta' din is-sentenza, stante li l-istess attrici ser tkun qieghda tabita fl-imsemmi fond ad esklusjoni tal-intimat.

***Mobbli:***

Illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.

***Kontijiet Bankarji***

Mill-provi in atti jirrizulta illi hemm is-segwenti kontijiet bankarji li ghadhom ezistenti:

**Kontijiet Kongunti:**

*APS Bank*

- Overdraft Loan mal-APS Bank- bilanc sad-data tar-ricerka kien EUR 66,275.79.

*HSBC Bank Malta plc*

- Savings Account bin-numru 059019232050 (Dok AG 6) b'bilanc sad-data ta' ricerka ta' EUR 1,115.14.

**Kontijiet f'isem l-attrici:**

*Bank of Valletta*

- Tlett kontijiet miftuhin sad-data tar-ricerka; zewg saving accounts in credit u budget account li huwa tip ta' overdraft account bin-numru 10754580015 li huwa in debit;
- 3 credit cards flypass li huma abbinati mal-istess kont fejn il-bilanc sad-data tar-ricerka kien EUR 2192.88.

**Kontijiet f'isem il-konvenut:**

*HSBC Bank Malta Plc:*

- Kont kurrenti bin-numru 023058027001 li kien ghadu miftuh sad-data li saret ir-ricerka;
- Savings Account bin-numru 061246542050 li kien ghadu miftuh sad-data li saret ir-ricerka;
- Visa Classic bil card number: 456882428172333

Illi fir-rigward tal-kontijiet intestati f'isem l-intimat mal-HSBC, jidher li m'hemm l-ebda kontestazzjoni da parti tal-attrici u ghalhekk din il-Qorti tassenja dawn il-kontijiet taht l-intestatur Kontijiet f'isem il-konvenut HSBC Bank Malta PLC lill-intimat.

Fir-rigward tal-Overdraft Loan mal-APS Bank, kif diga rilevat dan ghandu jibqa jithallas b'mod ugwali mill-partijiet, sa ma l-propjeta in kwistjoni effettivament tinbiegh, b'dana illi r-rikavat mill-bejgh tal-propjeta in kwistjoni ghandu l-ewwel jithallas l-ammont rimanenti dovut lill-APS Bank.

Illi fir-rigward tas-Savings Account bin-numru 059019232050 (Dok AG 6) b'bilanc sad-data ta' ricerka ta' EUR 1,115.14 fl-eventwalita li ghad fadal bilanc, dan ghandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi jidher li hemm kontestazzjoni fir-rigward ta' zewg kontijiet mal-Bank of Valletta intestati fuq isem l-attrici GZ A/C K u cioe dak bin-numru: 40022163613 (vide dok JB2) u dak bin-numru 40011474371 intestat fuq isem l-attrici GZ A/C K. Illi fir-rigward tal- kont GZ A/C K u cioe dak bin-numru: 40022163613 fejn jidher li sad-data tar-ricerki kien ghad fadal bilanc ta' EUR 1648.11 kif jirrizulta minn dok JB2, mill-imsemmi dokumenti jidher li l-flus depozitati fl-imsemmi kont kienu jintuzaw sabiex jinxtraw hwejjeg ghall-minuri, ezamijiet tal-ECDL, deposit ghas-safra tal-Germanja, ghal lezzjonijiet tal-Germaniz, l-uniformi, kotba tal-

iskola, dentist, passaport, camps, vjagg fi Sqallija etc. Illi stante li jidher li dan il-kont kien qieghed jigi amministrat sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjes tal-minuri, din il-Qorti tqis illi l-bilanc rimanenti ghandu jigi vversat f'kont bankarju ta' bint il-partijiet sabiex l-ammont rimanenti, liema ammont tfaddal minn entrambi l-genituri jibqa' jintuza ghall-htigijiet ta' bint il-partijiet.

Illi fir-rigward tal-kont bin-numru 40011474371 (vide dok JB6) intestat fuq isem l-attrici GZ A/C K mal-Bank of Valletta, mid-dokument JB6 jidher li dan kien Young Savers Account u li llum inghalaq. Mid-dokument JB6 li huwa statement, jidher illi tul it-trapass taz-zmien kien hemm depoziti relattivament zghar, bhac-children's allowance, flus li l-minuri qalghet fil-milied, cekkijiet b'ammonti relattivament minimi, b'dana illi l-unika withdrawal li saret kienet fit-13 ta'Jannar tas-sena 2014 mal-gheluq tal-kont, fejn ingibdet is-somma ta' EUR 3,082.40. Illi din il-Qorti tifhem illi l-piz finanzjarju tal-familja tal-attrici, tul id-durata taz-zwieg taghha mal-intimat, u b'mod partikolari f'dak il-perjodu fejn hija kienet waslet biex tiftah il-proceduri ta' separazzjoni personali, waqa' esklussivament fuq spallejn l-attrici. Illi ghalhekk l-attrici kellha ddur fuq dak li b'tant ghaqal hija irnexxilha ggemma tul is-snin sabiex tkun tista tghajjex lilha u lill-minuri wkoll wara kollox. Illi fid-dawl ta' tali konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma tqisx illi l-intimat ghandu dritt li jigu rifuz nofs l-ammont ta' EUR 3.082.40.

Fir-rigward tal-kumplament tal-kontijiet bankjari intestati fuq isem l-attrici, din il-Qorti tassenja l-istess kontijiet lill-attrici.

***Vetturi:***

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet ghandhom zewg vetturi, u cioe vettura kull wiehed. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna illi il-partijiet ghandhom jigu assenjati dik il-vettura li fil-prezent qieghda fil-pussess taghhom, b'dana illi kull parti ghandu jkun responsabbli ghal kwalsiasi djun jew obbligi ohra ezistenti fil-konfront ta' dik l-istess vettura.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi Z ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens,**

**intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

2. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li bint il-partijiet KZ ormai hija maggorrenni;**
3. **Tilqa' limitatament it-tielet talba attrici u tordna lill-intimat jivversa s-somma ta' mitejn u hamsin euro (EUR 250) fix-xahar bhala manteniment ghal KZ direttament f'kont bankarju tar-rikorrenti kif indikat minnha, u dana sakemm l-istess KZ taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena, u fl-eventwalita' li l-istess tibqa tistudja u ma tahdimx full-time, liema manteniment ghandu jghola kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja. Dan l-ammont ta' mitejn u hamsin euro (EUR 250) fix-xahar bhala manteniment ghandu jigi vversat f'kont bankarju indikat mill-istess KZ kemm-il darba KZ ma tibqghx tirrisjedi ma ommha izda tibqa tistudja full time;**
4. **Tilqa' ir-raba talba limitatament billi tordna illi oltre l-manteniment, l-intimat ihallas nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha u kif ukoll dawk extra-kurrikulari u dana fuq prezentata tal-ircevuti relattivi. Illi wkoll, l-intimat qieghed jigi ordnat ihallas l-arretrati dovuti lill-attrici tas-sehem tieghu mill-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha u extra kurrikulari, u fl-eventwalita li tali arretrati ghadhom pendenti, il-Qorti tordna illi l-intimat ihallas tali arretrati permezz ta' *installments* ta' mija u hamsin euro (EUR 150) fix-xahar lill-attrici f'kont bankarju indikat mill-istess attrici;**
5. **Tilqa' il-hames talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

    i. **Tassenja lill-attrici il-vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni KEL 30118 u tkun responsabbli ghal kwalunkwe piz jew dejn fuq l-istess vettura; Filwaqt li tassenja lill-konvenut il-vettura tal-ghamla Skoda Octavia bin-numru ta' registrazzjoni KBD 36919, u jkun responsabbli ghal kwalunkwe piz jew dejn fuq l-istess vettura;**

    ii. **Illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti sejra tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lill-**

**parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti u dana fi zmien xahar minn din is-sentenza.**

iii. **Tiddikjara illi l-attrici hija kreditrici fl-ammont ta' hdax il-elf, hames mija u disgha mitt euro u disghin centezmu (EUR 11,509.90), liema ammont ghandu jithallas mill-intimat mis-sehem tieghu tar-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali wara li jithallas il-bilanc rimanenti tal-home loan mal-APS Bank;**

iv. **Tordna u tawtorizza lill-attrici tirrisjedi fid-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-intimat b'dana illi l-intimat ghandu jizgombra mid-dar matrimonjali entro xahar mid-data ta' din is-sentenza b'dana illi meta bint il-partijiet tiddeciedi li tmur tirrisjedi ghar-rasha, jew tieqaf tirrisjedi fl-imsemmi fond mal-attrici ghal kwalsiasi raguni, ghal-perjodu mhux interrott ta' aktar minn sentejn, il-Qorti tordna illi d-dar matrimonjali ghandha titpogga ghal bejgh u r-rikavat, ghandhu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet wara li jithallas il-Bank u wara li minn sehem l-intimat jithallas dak dovut lill-attrici u cioe is-somma ta' hdax il-elf, hames mija u disgha mitt euro u disghin centezmu (EUR 11,509.90). Il-Qorti tordna illi sakemm isir il-bejgh tad-dar matrimonajli, l-attrici qieghda tigi awtorizzata tibqa' tirrisjedi fl-imsemmija dar u anke minghajr ir-residenza ta' KZ, b'dana illi din il-Qorti taghmilha cara illi l-attrici m'ghandhiex tostakola il-bejgh tal-imsemmi fond;**

v. **Rigward kontijiet bankarji, din il-Qorti:**

   a. **Tassenja dak il-kontijiet taht l-intestatura 'Kontijiet f'isem il-konvenut HSBC Bank Malta PLC' lill-intimat;**

   b. **L-Overdraft Loan mal-APS Bank, ghandu jibqa jithallas b'mod ugwali mill-partijiet, sa ma l-propjeta in kwistjoni effettivament tinbiegh, b'dana illi r-rikavat mill-bejgh tal-propjeta in kwistjoni ghandu l-ewwel jithallas l-ammont rimanenti dovut lill-APS Bank;**

   c. **Is-Savings Account bin-numru 059019232050 (Dok AG 6) b'bilanc sad-data ta'ricerka ta' EUR 1,115.14, fl-**

**eventwalita li ghad fadal bilanc, dan ghandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;**

d. **Il-kont intestat fuq l-attrici GZ A/C K u cioe dak bin-numru: 40022163613 fejn jidher li sad-data tar-ricerki kien ghad fadal bilanc ta' EUR 1648.11 kif jirrizulta minn dok JB2, dan il-bilanc rimanenti ghandu jigi vversat f'kont bankarju ta' bint il-partijiet sabiex tamministra hi dana l-ammont;**

e. **Illi fir-rigward tal-kont bin-numru 40011474371 (vide dok JB6) intestat fuq isem l-attrici GZ A/C K mal-Bank of Valletta, il-Qorti tassenja dan l-akkont lill-attrici ghal ragunijiet ndikati f'din is-sentenza;**

f. **Illi fir-rigward tal-kumplament tal-kontijiet bankjari taht l-intestatura: Kontijiet f'isem l-attrici *Bank of Valletta* din il-Qorti tassenja l-istess kontijiet lill-attrici.**

6. **Tilqa' is-sitt talba u tapplika kontra l-intimat l-effetti kollha tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**
7. **Tilqa' s-seba talba limitatament u tordna illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti entro xahar mid-data ta' din is-sentenza;**
8. **Tappunta lil Dr Liza Schembri bhala Nutar u lil Dr Stefano Filletti bhala Kuratur u sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva;**
9. **Tilqa' id-disa talba u awtorizza lill-attrici tirrisjedi fid-dar matrimonjali u cioe fil-fond bin-numru 10/3 Gondola Court, Triq is-Simblija Naxxar u dan ad esklusjoni tal-konvenut li fi zmien xahar ghandu jizgombra mill-imsemmi fond;**
10. **Tilqa' l-ghaxar talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubita**

**u cioe "B";**

11. **Tilqa' il- hdax- il talba tal-attrici u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**